Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2023/0266(COD)

18.1.2024

EMENDI
17 - 119 Abbozz ta' rapport

Pascal Canfin, Barbara Thaler
(PE757.207v01-00)

Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport

Proposta għal regolament
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

Emenda 17
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport

Or. en

Emenda 18
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-appoġġ favur l-isforzi lejn sostenibbiltà u effiċjenza aħjar tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni huwa prerekwiżit biex jinżamm perkors stabbli lejn emissjonijiet tal-gassijiet serra żero netti ***sal-2050***, filwaqt li fl-istess ħin titqies il-ħtieġa li jiġu ppreservati t-tkabbir ***u l-kompetittività kontinwi*** tal-industrija Ewropea.	(1) L-appoġġ favur l-isforzi lejn sostenibbiltà u effiċjenza aħjar tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni huwa prerekwiżit biex jinżamm perkors stabbli lejn emissjonijiet tal-gassijiet serra żero netti ***sa mhux aktar tard mill-2050***, filwaqt li fl-istess ħin titqies il-ħtieġa li ***tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva,*** jiġu ppreservati t-tkabbir ***fil-limiti planetarji u tissaħħaħ il-kompetittività*** tal-industrija Ewropea.

Or. en

Emenda 19
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tintuża f'diversi setturi ekonomiċi – inkluż it-trasport – biex tiġi kkwantifikata d-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn attivitajiet speċifiċi ta' negozji u ta' individwi. Informazzjoni aħjar dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport hija għodda qawwija biex jinħolqu inċentivi tajbin għall-utenti tat-trasport biex jagħmlu għażliet aktar sostenibbli, u biex tinfluwenza d-deċiżjonijiet kummerċjali tal-organizzaturi u tal-operaturi tat-trasport. Data affidabbli u komparabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra hija r-rekwiżit sottostanti għall-ħolqien ta' dawn l-inċentivi, u b'hekk għall-istimulazzjoni tat-tibdil fl-imġiba kemm fost il-konsumaturi kif ukoll in-negozji, għall-kontribut għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[52] għat-trasport, u tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.	(2) Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tintuża f'diversi setturi ekonomiċi – inkluż it-trasport – biex tiġi kkwantifikata d-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn attivitajiet speċifiċi ta' negozji u ta' individwi. Informazzjoni aħjar dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport hija għodda qawwija biex ***titnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-akkwist pubbliku,*** jinħolqu inċentivi tajbin għall-utenti tat-trasport biex jagħmlu għażliet aktar sostenibbli, u biex tinfluwenza d-deċiżjonijiet kummerċjali tal-organizzaturi u tal-operaturi tat-trasport. Data affidabbli u komparabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra hija r-rekwiżit sottostanti għall-ħolqien ta' dawn l-inċentivi, u b'hekk għall-istimulazzjoni ***ta' impronta tal-karbonju tal-akkwist pubbliku aktar baxxa u*** tat-tibdil fl-imġiba kemm fost il-konsumaturi kif ukoll in-negozji, għall-kontribut għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[52] għat-trasport, u tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.
[52] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni; Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final	[52] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni; Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final

Or. en

Emenda 20
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minkejja l-interess dejjem akbar tal-partijiet ikkonċernati tat-trasport, l-	(3) Minkejja l-interess dejjem akbar tal-partijiet ikkonċernati tat-trasport, l-

adozzjoni ġenerali tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport għadha limitata. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-utenti ma jiksbux informazzjoni akkurata dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, u l-organizzaturi u l-operaturi tas-servizzi tat-trasport ma jikkalkulawx u ma jiddivulgawx l-emissjonijiet tagħhom. L-adozzjoni sproporzjonata baxxa tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra hija osservata b'mod partikolari fost l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tan-negozji li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-UE.	adozzjoni ġenerali tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport għadha limitata. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-utenti ma jiksbux informazzjoni akkurata dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, u l-organizzaturi u l-operaturi tas-servizzi tat-trasport ma jikkalkulawx u ma jiddivulgawx l-emissjonijiet tagħhom. L-adozzjoni sproporzjonata baxxa tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra hija osservata b'mod partikolari fost l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tan-negozji li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-UE. ***Fil-fatt, l-SMEs jiffaċċaw aktar ostakli finanzjarji u burokratiċi b'mod sproporzjonat meta jiddeċiedu li jgħoddu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom.***

Or. en

Emenda 21
Aurélia Beigneux

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fl-2011, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-White Paper dwar it-trasport[53], li ppreżentat viżjoni għall-futur tas-sistema tat-trasport tal-UE u ddefiniet aġenda ta' politika biex tindirizza l-isfidi futuri tat-trasport, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tinżamm u tiġi żviluppata l-mobilità u li titnaqqas b'mod konsiderevoli l-impronta tal-karbonju mill-operazzjonijiet tat-trasport u tal-loġistika.	(4) Fl-2011, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-White Paper dwar it-trasport[53], li ppreżentat viżjoni għall-futur tas-sistema tat-trasport tal-UE u ddefiniet aġenda ta' politika biex tindirizza l-isfidi futuri tat-trasport, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tinżamm u tiġi żviluppata l-mobilità u li titnaqqas b'mod konsiderevoli l-impronta tal-karbonju mill-operazzjonijiet tat-trasport u tal-loġistika***; dan il-programm ta' azzjoni għandu jiġi rivedut u emendat sabiex iqis il-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi sanitarja marbuta mal-COVID-19 u li ħalliet impatt kbir fuq is-setturi tat-trasport u tat-turiżmu: dawn is-setturi, li għadhom kif marru lura għal-livell ta' attività tagħhom ta' qabel il-kriżi***

sanitarja, malajr sabu ruħhom qed jiffaċċaw prezz ogħla tal-enerġija bla preċedent mill-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, u issa għandhom, barra minn hekk, jiffinanzjaw it-tranżizzjoni enerġetika tagħhom huma stess biex jirrispondu għall-objettivi vinkolanti ta' dekarbonizzazzjoni previsti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

---

[53] Il-WHITE PAPER Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti; COM/2011/0144 final.

---

[53] Il-WHITE PAPER Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti; COM/2011/0144 final.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ovvjament, il-ħtiġijiet tal-mobbiltà żdiedu b'mod konsiderevoli fl-UE mill-2011, u l-aktar eżiġenzi ambjentali reċenti f'dak li jirrigwarda d-dekarbonizzazzjoni ma jagħmlu xejn ħlief iżidu l-limitazzjonijiet regolamentari tal-intrapriżi tat-trasport: il-programm ta' azzjoni previst mill-white paper fuq it-trasport għandu, għalhekk, jiġi aġġornat biex jibqa' koerenti mal-problemi reali kontemporanji li ilhom jaffettwaw is-settur tat-trasport u tat-turiżmu għal dawn l-aħħar 3 snin.

Emenda 22
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti ta' Diċembru 2020[54] tirreferi għal inċentivi għall-għażla tal-aktar għażliet ta' trasport sostenibbli, fil-modi u bejniethom. Dawk l-inċentivi jinkludu l-istabbiliment ta' qafas Ewropew għall-kejl armonizzat tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tat-trasport u l-loġistika, ibbażat fuq standards rikonoxxuti globalment, li mbagħad ikun jista' jintuża biex jipprovdi lin-negozji u lill-utenti	(5) L-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti ta' Diċembru 2020[54] tirreferi għal inċentivi għall-għażla tal-aktar għażliet ta' trasport sostenibbli, fil-modi u bejniethom***, b'enfasi qawwija fuq bidla għall-ferrovija kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija, inkluż miri konkreti għat-tnejn li huma, bħala kontribuzzjonijiet konkreti għar-rwol tas-settur tat-trasport fl-ilħuq tal-mira vinkolanti fl-ambitu tad-dritt tal-***

aħħarin bi stima tal-impronta tal-karbonju tal-għażliet tagħhom, u jżid id-domanda mill-utenti finali u mill-konsumaturi biex jagħżlu soluzzjonijiet ta' trasport u mobilità aktar sostenibbli, filwaqt li jiġi evitat il-greenwashing.

Unjoni, stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/1119, biex sal-2030 l-emissjonijiet tal-gassijiet serra netti tal-Unjoni jitnaqqsu b'mill-anqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990, u l-objettiv biex tintlaħaq in-newtralità klimatika mal-ekonomija kollha sa mhux aktar tard mill-2050. Dawk l-inċentivi jinkludu l-istabbiliment ta' qafas Ewropew għall-kejl armonizzat tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tat-trasport u l-loġistika, ibbażat fuq standards rikonoxxuti globalment, li mbagħad ikun jista' jintuża biex jipprovdi lin-negozji u lill-utenti aħħarin bi stima tal-impronta tal-karbonju tal-għażliet tagħhom, u jżid id-domanda mill-utenti finali u mill-konsumaturi biex jagħżlu soluzzjonijiet ta' trasport u mobilità aktar sostenibbli, ***inkluż il-konsenji tal-pakketti,*** filwaqt li jiġi evitat il-greenwashing.

---

[54] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni; Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur; COM(2020) 789 final

[54] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni; Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur; COM(2020) 789 final

Or. en

Emenda 23
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-maġġoranza tal-gassijiet serra relatati mat-trasport u mal-loġistika jiġu rilaxxati matul it-tħaddim tal-vetturi, il-produzzjoni tal-vetturi tal-enerġija u l-manifattura ta' vettura.

Or. en

Emenda 24
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) L-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-manifattura, mill-manutenzjoni u mir-rimi tal-vetturi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-emissjonijiet totali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura.

Or. en

Emenda 25
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) L-għadd ta' emissjonijiet mill-kostruzzjoni u miż-żarmar tal-infrastruttura tal-produzzjoni tal-enerġija relatata mal-enerġiji rinnovabbli bħaċ-ċellola solari, il-produzzjoni u l-kostruzzjoni tal-imtieħen u tal-enerġija idroelettrika, huwa meħtieġ biex ikun jista' jsir tqabbil ġust bejn il-vetturi tal-enerġija rinnovabbli kollha.

Or. en

Emenda 26
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 5d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5d) Iż-żieda tal-kontribuzzjoni ta' emissjonijiet mill-kostruzzjoni u miż-żarmar tal-infrastruttura biex tiġi prodotta enerġija mill-fjuwils fossili, mill-enerġiji rinnovabbli jew mill-enerġija nukleari hija rilevanti għal tqabbil olistiku tal-vetturi tal-enerġija kollha disponibbli għall-operazzjonijiet tat-trasport.

Or. en

Emenda 27
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 5e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5e) Id-data għall-vetturi tal-kostruzzjoni ma hijiex faċilment disponibbli minn manifatturi tal-vetturi, b'mod partikoli minn dawk li jinsabu barra mill-Unjoni. Madankollu, din il-karatteristika hija rilevanti peress li tippermetti li jingħadd l-ispettru sħiħ ta' emissjonijiet relatati ma' attività tat-trasport filwaqt li tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fir-rigward tal-manifattura tal-vetturi.

Or. en

Emenda 28
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għalhekk, l-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa xieraq biex jinkisbu ċifri komparabbli għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u biex tiġi evitata informazzjoni qarrieqa dwar il-prestazzjoni tagħhom li tirriżulta mill-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn diversi metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet u d-data tal-input. Jenħtieġ li regoli bħal dawn jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-modi, is-segmenti, u n-networks nazzjonali tat-trasport tal-Unjoni. Jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jinħolqu inċentivi għal bidla fl-imġiba fost in-negozji u l-klijenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.	(6) Għalhekk, l-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa xieraq biex jinkisbu ċifri komparabbli għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u biex tiġi evitata informazzjoni qarrieqa dwar il-prestazzjoni tagħhom li tirriżulta mill-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn diversi metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet u d-data tal-input. Jenħtieġ li regoli bħal dawn jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-modi, is-segmenti, u n-networks nazzjonali tat-trasport tal-Unjoni. Jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jinħolqu inċentivi għal bidla fl-imġiba fost in-negozji u l-klijenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. ***L-uniku mod kif jiġu ssodisfati dawn ir-rekwiżiti huwa li tintuża metodoloġija għall-kalkolu taċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.***

Or. en

Emenda 29
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għalhekk, l-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa xieraq biex jinkisbu ċifri	(6) Għalhekk, l-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa xieraq biex jinkisbu ċifri

komparabbli għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u biex tiġi evitata informazzjoni qarrieqa dwar il-prestazzjoni tagħhom li tirriżulta mill-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn diversi metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet u d-data tal-input. Jenħtieġ li regoli bħal dawn jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-modi, is-segmenti, u n-networks nazzjonali tat-trasport tal-Unjoni. Jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jinħolqu inċentivi għal bidla fl-imġiba fost in-negozji u l-klijenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

komparabbli għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u biex tiġi evitata informazzjoni qarrieqa dwar il-prestazzjoni tagħhom li tirriżulta mill-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn diversi metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet u d-data tal-input. Jenħtieġ li regoli bħal dawn jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-modi, is-segmenti, u n-networks nazzjonali tat-trasport tal-Unjoni. Jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jinħolqu inċentivi għal bidla fl-imġiba fost ***il-korpi pubbliċi,*** in-negozji u l-klijenti ***l-oħra*** biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport***, speċjalment meta x-xiri jsir kompletament jew parzjalment bil-fondi pubbliċi,*** permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Or. en

Emenda 30
Caroline Nagtegaal

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għalhekk, l-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa xieraq biex jinkisbu ċifri komparabbli għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u biex tiġi evitata informazzjoni qarrieqa dwar il-prestazzjoni tagħhom li tirriżulta mill-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn diversi metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet u d-data tal-input. Jenħtieġ li regoli bħal dawn jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-modi, is-segmenti, u n-networks nazzjonali tat-trasport tal-Unjoni. Jenħtieġ li jgħinu wkoll	(6) Għalhekk, l-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa xieraq biex jinkisbu ċifri komparabbli għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u biex tiġi evitata informazzjoni qarrieqa dwar il-prestazzjoni tagħhom li tirriżulta mill-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn diversi metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet u d-data tal-input. Jenħtieġ li regoli bħal dawn jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn ***l-entitajiet tat-trasport tal-UE u l-entitajiet tat-trasport minn pajjiżi terzi, bejn*** il-

biex jinħolqu inċentivi għal bidla fl-imġiba fost in-negozji u l-klijenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

modi, is-segmenti, u n-networks nazzjonali tat-trasport tal-Unjoni. Jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jinħolqu inċentivi għal bidla fl-imġiba fost in-negozji u l-klijenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Or. en

Emenda 31
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-klijenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi pprovduta data affidabbli dwar l-emissjonijiet mistennija għal kull servizz tat-trasport qabel ix-xiri tas-servizz jew il-konklużjoni tal-kuntratt, abbażi ta' data tal-output preċedenti minn servizzi ekwivalenti. Dan huwa essenzjali fil-każ tat-trasport tal-passiġġieri u tas-servizzi tal-kunsinna, iżda wkoll għall-operazzjonijiet tal-loġistika ta' negozji li jagħmlu sforz biex inaqqsu l-impronta tal-karbonju tagħhom. Din il-mira ġenerali jenħtieġ li tkun prevalenti fir-rigward tal-iżgurar bla xkiel tal-kondiviżjoni tad-data fil-katina tat-trasport biex din tkun possibbli, li għaliha l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI) tista' ssir għodda utli għat-trasport tal-merkanzija, biex b'hekk tkun possibbli r-realizzazzjoni tal-potenzjal sħiħ tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-Trasport Ikkombinat, fost l-oħrajn. L-aċċess għad-data dwar l-emissjonijiet finali wara l-forniment tas-servizz huwa ideali wkoll, b'mod partikolari fil-qasam tal-merkanzija, sabiex ikunu jistgħu jitqiesu

b'mod preċiż l-emissjonijiet tan-negozji kkonċernati.

Or. en

Emenda 32
Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Biex tiġi appoġġata l-bidla fl-imġiba għal mobbiltà dekarbonizzata, is-servizzi tal-mobbiltà diġitali li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-ivvjaġġar multimodali permezz ta' servizzi tat-trasport, vetturi, roti, tagħmir ta' mobbiltà personali, jew mixi, jenħtieġ li jipprovdu lill-utenti informazzjoni dwar il-kwantitajiet ta' gassijiet serra rilaxxati mill-modalità/modalitajiet ta' trasport użati għal kull rotta ssuġġerita. Dawn is-servizzi diġitali jenħtieġ li jenfasizzaw is-suġġerimenti tar-rotta bl-aktar impatt baxx f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Or. en

Emenda 33
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sabiex il-kumpaniji, il-klijenti u l-individwi jkunu jistgħu jqabblu modi differenti ta' trasport skont l-emissjonijiet ta' gassijiet serra rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa

metodoloġija li tippermetti li jiġu inklużi emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kostruzzjoni, mill-manutenzjoni u mir-rimi ta' vetturi sal-2028.

Or. en

Emenda 34
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Minħabba l-iskala tal-kriżi tal-klima u l-potenzjal enormi tas-settur tat-trasport biex jikkontribwixxi fl-indirizzar tagħha, l-entitajiet kollha li jwettqu servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li, eventwalment, ikunu meħtieġa jikkalkolaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' dawk is-servizzi, u jagħmlu d-data disponibbli għall-konsumaturi u għall-utenti finali sabiex ikunu jistgħu jsiru għażliet infurmati. Biex l-operaturi jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġustaw ruħhom, dan ir-Regolament għandu jsegwi approċċ gradwali, li jibda fuq bażi volontarja u li jsir obbligatorju wara ċertu perjodu. Dan huwa partikolarment importanti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti u biex jitqiesu l-ħtiġijiet tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) imsemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.

Or. en

Emenda 35
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jagħmel disponibbli qafas ta' referenza għal miżuri oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod ulterjuri mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport, tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, jew jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 36
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jagħmel disponibbli qafas ta' referenza għal miżuri oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod ulterjuri mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport, tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, jew jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku.	(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jagħmel disponibbli qafas ta' referenza għal miżuri oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod ulterjuri mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport, tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, jew jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku. ***Fil-każ tal-kummerċ elettroniku u l-konsenji tal-pakketti, dan jippermetti r-rekwiżit biex, flimkien mal-informazzjoni attwali dwar id-data stmata tal-kunsinna, jiġi pprovdut prezz assoċjat,***

u l-emissjonijiet assoċjati ta' kull għażla.

Or. en

Emenda 37
Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jagħmel disponibbli qafas ta' referenza għal miżuri oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod ulterjuri mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport, tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, jew jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku.	(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jagħmel disponibbli qafas ta' referenza għal miżuri oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod ulterjuri ***mill-Istati Membri,*** mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport, tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, ***li jirrikjedi skont il-liġi nazzjonali, l-iżvelar obbligatorju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport,*** jew jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku.

Or. en

Emenda 38
Andreas Glück, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jagħmel disponibbli qafas ta' referenza għal miżuri oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod ulterjuri mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-	(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jagħmel disponibbli qafas ta' referenza għal miżuri oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod ulterjuri mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-

industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport, tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, jew jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku.	industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport, tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, ***filwaqt li tinħoloq skema ta' ċertifikazzjoni għal fjuwils sostenibbli*** jew jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku.
	Or. en

Emenda 39
Aurélia Beigneux

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ***jagħmel disponibbli qafas ta' referenza għal miżuri oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod ulterjuri mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti*** klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport***, tiġi pprovduta*** informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, jew ***jiġu stabbiliti*** kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku.	(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ***ma jinkludix*** klawżoli dwar it-trasparenza tal-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport ***: il-forniment ta'*** informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' għażla ta' vjaġġar jew ta' kunsinna lill-passiġġieri jew lill-klijenti, jew ***l-istabbiliment ta'*** kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku ***jenħtieġ li ma jiġux ikkomunikati ħlief jekk l-intrapriżi tat-trasport ikunu jixtiquhom***.
	Or. fr

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament ma għandhomx iwasslu għal obbligi kuntrattwali ġodda relatati ma' kuntratti tat-trasport: il-kuntratt tat-trasport għandu jibqa' responsabbiltà tat-trasportatur mal-klijent-emittent tiegħu (meta jkun jirrigwarda t-trasport ta' oġġetti),jew tal-utenti tiegħu (meta jkun jirrigwarda t-trasport ta' persuni): it-trasportatur għandu jibqa' liberu li jwettaq il-politika kummerċjali tiegħu u l-politika tal-komunikazzjoni tiegħu mal-klijenti tiegħu.

Emenda 40
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta'*** dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport ***fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament*** jenħtieġ li ***japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu*** li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni***, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra***. Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz.	(8) Dan ir-Regolament ***jenħtieġ li japplika*** għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport***. Huma*** jenħtieġ li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni ***, jew jgħaddu minnu***. Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz. ***Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz li jwettqu servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 41
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun	(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun

sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra. Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz.	sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra. Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz. ***Jenħtieġ li l-iżviluppi u r-reviżjonijiet futuri jkollhom l-għan li jespandu l-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolament, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-limitazzjonijiet tal-SMEs.***
	Or. en

Emenda 42
Tiemo Wölken, Rovana Plumb, Sara Cerdas, Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra.	(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra.

Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz.	Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz ***u huma mħaddma minn entitajiet ibbażati f'pajjiżi terzi, li għalihom dan ir-Regolament, għalhekk, japplika wkoll***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta jinkludi l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni li jinsabu f'pajjiż terz, ma huwiex ċar jekk entitajiet mhux tal-UE humiex se jkollhom aċċess u r-riżorsi meħtieġa biex jikkalkolaw b'suċċess u jiżvelaw informazzjoni dwar id-data tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Emenda 43
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew ***jew*** jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra. ***Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz.***	(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew ***u*** jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 44
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra. Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz.	(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew***, jieqfu temporanjament*** jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra. Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-formulazzjoni "jieqfu temporanjament" hija maħsuba biex tevita kompetizzjoni selettiva favur l-operaturi tat-trasport tal-pajjiż terz jew tfixkil tal-kundizzjonijiet ekwi li jxekkel il-kompetittività tas-servizzi tat-trasport tal-UE.

Emenda 45
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8a) Jenħtieġ li l-iżviluppi u r-reviżjonijiet futuri ta' dan ir-Regolament ikollhom l-għan li jinkludu s-sustanzi li jniġġsu fl-arja mal-kamp ta' applikazzjoni. Huwa stmat li, fl-EU28, it-tniġġis tal-arja kkawża aktar minn 300 000 mewta qabel il-waqt fl-2018[54a], filwaqt li aggrava l-mard eżistenti u ħoloq mard ġdid. Is-settur tat-trasport huwa kontributur ewlieni għat-tniġġis tal-arja, speċjalment f'żoni urbani. L-inklużjoni tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja għal dan ir-Regolament tgħin biex jinħolqu inċentivi għal bidla fl-imġiba fost il-korpi pubbliċi, in-negozji u klijenti oħra biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-tniġġis mis-servizzi tat-trasport, speċjalment meta x-xiri jsir kompletament jew parzjalment bil-fondi pubbliċi, permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli.

[54a] Rapport tal-2020 tal-EEA "Air quality in Europe" (Il-kwalità tal-arja fl-Ewropa).

Or. en

Emenda 46
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-intermedjarji*** tad-data, bħal dawk li joffru servizzi ta' mobilità diġitali multimodali, ***meta dawn*** ma jikkalkulawx direttament l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport iżda jiddivulgaw ***biss*** informazzjoni dwar dawk l-emissjonijiet ipprovduta minn entità kkonċernata jew minn persuna ġuridika jew fiżika rilevanti oħra. ***Madankollu***, jenħtieġ li l-	(9) ***L-intermedjarji*** tad-data, bħal dawk li joffru servizzi ta' mobilità diġitali multimodali, ***kif ukoll servizzi ta' navigazzjoni diġitali u servizzi tal-ippjanar tar-rotot tal-ivvjaġġar, jistgħu*** ma jikkalkulawx direttament l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport iżda ***jenħtieġ li*** jiddivulgaw informazzjoni dwar dawk l-emissjonijiet ipprovduta minn entità kkonċernata jew minn persuna ġuridika

intermedjarji tad-data jkunu marbutin bir-regoli rilevanti relatati mal-komunikazzjoni u mat-trasparenza tad-data divulgata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, biex tiġi żgurata l-komparabbiltà ta' dik id-data fis-suq.	jew fiżika rilevanti oħra. ***Għalhekk***, jenħtieġ li l-intermedjarji tad-data jkunu marbutin bir-regoli rilevanti relatati mal-komunikazzjoni u mat-trasparenza tad-data divulgata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, biex tiġi żgurata l-komparabbiltà ta' dik id-data fis-suq ***u fil-modi differenti***. ***L-intermedjarji tad-data jinkludu servizzi li jikkombinaw data pprovduta minn entitajiet ikkonċernati differenti, pereżempju dawk li joffru vjaġġar multimodali jew vjaġġar li jikkonsisti minn għadd ta' partijiet, dment li ma jemendaw id-data oriġinali bl-ebda mod u li d-data oriġinali tkun diġà ġiet iċċertifikata skont dan ir-Regolament.***
	Or. en

Emenda 47
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(9a) Sabiex jiġi żgurat tqabbil multimodali veru mill-utenti fil-livelli kollha, inkluż mill-passiġġieri, jenħtieġ li tiġi żgurata d-disponibbiltà tad-data rigward l-emissjonijiet effettivi tal-użu ta' karozzi privati. L-użu ta' data ta' ġol-vettura, flimkien ma' servizzi ta' navigazzjoni diġitali, jenħtieġ li jippermettu forniment preċiż biżżejjed ta' tali informazzjoni. Kull vjaġġ ikkalkulat fuq navigatur jew pjanifikatur tar-rotta jenħtieġ li jipprovdi l-emissjonijiet mistennija, filwaqt li jitqies it-tip ta' vettura, mentri rigward l-għoti ta' riforniment jew iċċarġjar mill-ġdid, kull fatturazzjoni jenħtieġ li tinkorpora l-emissjonijiet assoċjati tal-forniment tal-fjuwil jew tal-elettriku, rispettivament, u l-emissjonijiet medji u l-intensità tal-emissjonijiet f'dak li huwa l-użu tal-**

ammont mogħti jew iċċarġjat. Il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali (OEMs), apparti li jippermettu u jiffaċilitaw l-aċċess ħieles meħtieġ ta' data ta' ġol-vettura għal tali skopijiet lil utenti privati, kif ukoll l-SMEs, jenħtieġ li jipprovdu wkoll informazzjoni ċara dwar l-intensità medja mistennija tal-emissjonijiet, diżaggregata skont it-tip ta' triq, għal klijenti potenzjali meta jbigħu l-vetturi tagħhom.

Or. en

Emenda 48
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***Jenħtieġ li*** dan ir-Regolament ***ma japplikax meta l-kalkolu u d-divulgazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitwettqu f'forma*** aggregata. ***Dan jinkludi sitwazzjonijiet li fihom id-divulgazzjonijiet*** obbligatorji ta' informazzjoni relatata mal-ambjent għar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà u għall-istabbiliment ta' kontijiet ambjentali għal finijiet statistiċi ***huma*** derivati minn regoli oħra tal-Unjoni, bħal dawk definiti skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv[55] dwar is-Sostenibbiltà u r-Regolament dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej[56]. ***Min-naħa l-oħra,*** l-informazzjoni miksuba abbażi ta' dan ir-Regolament tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' rapporti konsolidati dwar l-emissjonijiet meħtieġa skont liġijiet applikabbli oħra tal-Unjoni, dment li l-metodoloġiji rispettivi u d-data miġbura jkunu kompatibbli biżżejjed.	(10) ***Id-data ġġenerata mill-applikazzjoni ta'*** dan ir-Regolament ***tista' tkun*** aggregata ***u magħquda ma' informazzjoni addizzjonali għall-għan ta' divulgazzjonijiet*** obbligatorji ta' informazzjoni relatata mal-ambjent għar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà u għall-istabbiliment ta' kontijiet ambjentali għal finijiet statistiċi derivati minn regoli oħra tal-Unjoni, bħal dawk definiti skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà[55] u r-Regolament dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej[56]. L-informazzjoni miksuba abbażi ta' dan ir-Regolament tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' rapporti konsolidati dwar l-emissjonijiet meħtieġa skont liġijiet applikabbli oħra tal-Unjoni, dment li l-metodoloġiji rispettivi u d-data miġbura jkunu kompatibbli biżżejjed.
[55] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta'	[55] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta'

Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15–80)	Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15–80)
[56] Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1–16)	[56] Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1–16)

Or. en

Emenda 49
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi allinjat mal-Istandards Ewropej tar-Rappurtar tas-Sostenibbiltà (ESRS), komponent ewlieni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD), kif ukoll ma' leġiżlazzjoni tal-UE oħra fis-seħħ, sabiex tiġi evitata kull inkonsistenza fir-rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport. Kwalunkwe asserzjoni li ssir abbażi ta' data tal-output irrappurtata f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun f'konformità sħiħa mad-Direttiva (UE) (.....)/(....) dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi) kif ukoll id-Direttiva (.....)/(.....) li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/KE fir-rigward tas-setgħa tal-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni aħjar kontra prattiki inġusti u informazzjoni aħjar.

Or. en

Emenda 50
Tiemo Wölken, Rovana Plumb, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi allinjat mal-Istandards Ewropej tar-Rappurtar tas-Sostenibbiltà (ESRS), komponent ewlieni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD), kif ukoll ma' leġiżlazzjoni tal-UE oħra fis-seħħ, sabiex tiġi evitata kull inkonsistenza fir-rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport. Kwalunkwe asserzjoni li ssir abbażi ta' data tal-output irrappurtata f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun f'konformità sħiħa mad-Direttiva (UE) (.....)/(....) dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (id-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi) kif ukoll id-Direttiva (.....)/(.....) li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/KE fir-rigward tas-setgħa tal-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni aħjar kontra prattiki inġusti u informazzjoni aħjar.

Or. en

Emenda 51
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(10a) Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata valutazzjoni bbażata fuq ċiklu tal-ħajja sħiħ u din jenħtieġ li tinkludi l-emissjonijiet fuq bażi ta' well-to-wheel, l-emissjonijiet rilaxxati matul it-trasport, il-proċess tal-kostruzzjoni tal-infrastruttura, fil-proċess tal-produzzjoni tal-vetturi tat-trasport, il-konsum ta' materjali oħra, ilma, u r-rimi fi tmiem il-ħajja. L-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ għandu jevita l-possibbiltà ta' rappreżentazzjoni qarrieqa u inkompleta ta' emissjonijiet tas-servizz tat-trasport.

Or. en

Emenda 52
Jan-Christoph Oetjen, Caroline Nagtegaal

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi allinjat mal-Istandards Ewropej tar-Rappurtar tas-Sostenibbiltà (ESRS), komponent ewlieni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD), sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fir-rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-ESRS ma' CountEmissions EU jisogra li jinħoloq għadd ta' metodoloġiji ta' rappurtar.

Emenda 53
Nicola Danti

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Metodu xieraq għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport huwa wieħed mill-aspetti ewlenin għall-qafas armonizzat tal-Unjoni stabbilit minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-metodu jiżgura li l-kalkoli tal-emissjonijiet imwettqa tul katina tat-trasport jipprovdu data komparabbli u akkurata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, billi jsegwi sett wieħed ta' passi metodoloġiċi. Jenħtieġ li jqis ukoll b'mod adegwat il-ħtiġijiet tas-suq tat-trasport, sabiex jiġu evitati l-kumplessità bla bżonn, il-piż u l-kostijiet eċċessivi, u biex jiġi aċċettat mill-partijiet ikkonċernati.	(11) Metodu xieraq għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport huwa wieħed mill-aspetti ewlenin għall-qafas armonizzat tal-Unjoni stabbilit minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-metodu jiżgura li l-kalkoli tal-emissjonijiet imwettqa tul katina tat-trasport jipprovdu data komparabbli u akkurata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, billi jsegwi sett wieħed ta' passi metodoloġiċi. Jenħtieġ li jqis ukoll b'mod adegwat il-ħtiġijiet tas-suq tat-trasport, sabiex jiġu evitati l-kumplessità bla bżonn, il-piż u l-kostijiet eċċessivi, ***b'mod partikolari għall-SMEs,*** u biex jiġi aċċettat mill-partijiet ikkonċernati.

Or. en

Emenda 54
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Metodu xieraq għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport huwa wieħed mill-aspetti ewlenin għall-qafas armonizzat tal-Unjoni stabbilit minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-metodu jiżgura li l-kalkoli tal-emissjonijiet imwettqa tul katina tat-trasport jipprovdu data komparabbli u akkurata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, billi jsegwi sett wieħed ta' passi metodoloġiċi. Jenħtieġ li jqis ukoll b'mod adegwat il-ħtiġijiet tas-suq tat-trasport, sabiex jiġu evitati l-kumplessità bla bżonn, il-piż u l-kostijiet eċċessivi, u biex jiġi aċċettat mill-partijiet ikkonċernati.	(11) Metodu xieraq għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ***ta' ċiklu tal-ħajja sħiħ*** tas-servizzi tat-trasport huwa wieħed mill-aspetti ewlenin għall-qafas armonizzat tal-Unjoni stabbilit minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-metodu jiżgura li l-kalkoli tal-emissjonijiet imwettqa tul katina tat-trasport jipprovdu data komparabbli u akkurata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, billi jsegwi sett wieħed ta' passi metodoloġiċi. Jenħtieġ li jqis ukoll b'mod adegwat il-ħtiġijiet tas-suq tat-trasport, sabiex jiġu evitati l-kumplessità bla bżonn, il-piż u l-kostijiet eċċessivi, u biex jiġi aċċettat mill-partijiet

ikkonċernati.

Or. en

Emenda 55
Aurélia Beigneux

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, intgħażel bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-analiżi wriet li l-istandard ISO 14083:2023 wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub.	(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, intgħażel bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-analiżi wriet li l-istandard ISO 14083:2023 wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub. ***B'konsegwenza, f'dan l-approċċ magħruf bħala well-to-wheel, jidher li huwa wisq kumpless li jiġi ddeterminat il-livell ta' emissjonijiet marbut maċ-ċiklu tal-ħajja tal-enerġija użata fit-trasporti, mill-mod kif tiġi prodotta jew ipproċessata, mingħajr ma jkun hemm ir-riskju li jiġu inkriminati sistematikament it-trasportaturi li jużaw din l-enerġija: għal din ir-raġuni huwa neċessarju li tiġi diżassoċjata l-parti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra prodott lill hinn mill-fabbrikazzjoni tal-enerġija destinata għall-vetturi tat-trasport, jiġifieri qabel ma tkun disponibbli fil-pompi u fil-punti tal-iċċarġjar.***

[57] https://www.cencenelec.eu

[57] https://www.cencenelec.eu

Or. fr

Ġustifikazzjoni

F'dan l-approċċ magħruf bħala well-to-wheel, huwa neċessarju li jiġi diżassoċjat iċ-ċiklu tal-ħajja tal-enerġija jew tal-fjuwils, fil-mument tal-produzzjoni tagħhom, anke qabel ma jiġu kkummerċjalizzati fil-pompi jew fil-punti tal-iċċarġjar: it-trasportaturi huma wkoll l-utenti ta' din l-enerġija u b'konsegwenza, ma jistgħux jinżammu responsabbli tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li din l-enerġija setgħet iġġenerat tul il-proċess tagħhom ta' manifattura jew proċessar qabel ma ġew distribwiti fil-punti tal-iċċarġjar.

Emenda 56
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, intgħażel bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-analiżi wriet li l-istandard ISO 14083:2023 wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub.	(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, intgħażel bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-analiżi wriet li l-istandard ISO 14083:2023 wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub. ***Din ma tinkludix emissjonijiet li jirriżultaw mill-produzzjoni, mill-manutenzjoni u mir-rimi ta' vetturi, u hija għalhekk, inkompleta.***

[57] https://www.cencenelec.eu

[57] https://www.cencenelec.eu

Or. en

Emenda 57
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, intgħażel bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-analiżi wriet li l-istandard ISO 14083:2023 wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub.	(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, intgħażel bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-analiżi wriet li l-istandard ISO 14083:2023 wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi aċċess bla ħlas għall-istandard tal-ISO.***
[57] https://www.cencenelec.eu	[57] https://www.cencenelec.eu

Or. en

Emenda 58
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-	(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-

Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, intgħażel bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-analiżi wriet li l-istandard ISO 14083:2023 wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet ***titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li*** tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub.	Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, intgħażel bħala l-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ***well-to-wheel*** tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-analiżi wriet li l-istandard ISO 14083:2023 wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub.
[57] https://www.cencenelec.eu	[57] https://www.cencenelec.eu

Or. en

Emenda 59
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, ***intgħażel bħala l-metodoloġija*** ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. ***L-analiżi wriet li*** l-istandard ISO 14083:2023 ***wera li kien l-aktar wieħed rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-objettivi*** ta' dan ir-Regolament. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub.	(12) L-istandard EN ISO 14083:2023, ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni[57] f'April 2023, u li jittrasponi l-istandard ISO 14083:2023, ***jenħtieġ li jkun il-metodoloġija*** ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. L-istandard ISO 14083:2023 ***jissodisfa l-objettivi*** ta' dan ir-Regolament***, inkluż teħid malajr mis-suq u komparabbiltà tad-data***. Il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet titwettaq fuq bażi well-to-wheel, li tinkludi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vettura matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hub.

[57] https://www.cencenelec.eu

[57] https://www.cencenelec.eu

Or. en

Emenda 60
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà ta' espansjoni tal-ambitu tal-metodoloġija ta' referenza għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport fil-futur qarib biex tipprevedi l-kalkolu u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' servizzi tat-trasport, inkluż b'mod partikolari fir-rigward tal-manifattura, tal-manutenzjoni u ta' tmiem il-ħajja tal-vetturi, tal-kostruzzjoni, tal-manutenzjoni u tal-użu tal-infrastruttura, u l-impatt klimatiku ekwivalenti ta' emissjonijiet mhux tas-CO2 fl-avjazzjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis sforzi eżistenti bħall-ISO 14067:2018 u r-Regoli tal-Kategorija tal-Prodott dwar servizzi ta' trasport stabbiliti fis-Sistema Internazzjonali ta' Dikjarazzjoni tal-Prodott Ambjentali.

Or. en

Emenda 61
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(12a) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u l-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni tal-Istati Membri, jenħtieġ li tistinka biex tipprovdi lis-settur tat-trasport b'aċċess għall-istandard ISO 14083:2023 jew għall-istandard CEN ISO 14083 ekwivalenti Ewropew mingħajr ħlas lill-Intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE. Jenħtieġ li l-istandards ikunu aċċessibbli fil-verżjoni awtentika tiegħu kif ukoll fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni biex dan ir-Regolament isir aktar aċċessibbli għal dawk kollha li huma soġġetti għalih.

Or. en

Emenda 62
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni biex ma jkunx hemm devjazzjoni mill-għażliet metodoloġiċi oriġinali tal-istandard EN ISO 14083:2023, sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport fis-suq, speċjalment fil-kuntest tal-ktajjen tat-trasport internazzjonali. Madankollu***, minn żmien għal żmien,*** huwa xieraq li tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' aġġustament possibbli tal-EN ISO 14083:2023 mill-perspettiva tal-politiki tal-Unjoni, kif ukoll ta' emendi futuri għal dak l-istandard li jistgħu jitwettqu mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, jew minn korp kompetenti ieħor. ***F'każ li*** dawn il-valutazzjonijiet ***juru*** riskju li ċerta parti tal-istandard tista' toħloq żbilanċi bla bżonn fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet	(13) ***Sadanittant,*** jenħtieġ li tingħata attenzjoni biex ma jkunx hemm devjazzjoni mill-għażliet metodoloġiċi oriġinali tal-istandard EN ISO 14083:2023, sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport fis-suq, speċjalment fil-kuntest tal-ktajjen tat-trasport internazzjonali. Madankollu huwa xieraq li***, perjodikament,*** tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' aġġustament possibbli tal-EN ISO 14083:2023 mill-perspettiva tal-politiki tal-Unjoni***, inkluż leġiżlazzjoni li għad trid toħroġ***, kif ukoll ta' emendi futuri għal dak l-istandard li jistgħu jitwettqu mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, jew minn korp kompetenti ieħor. ***Jekk*** dawn il-valutazzjonijiet ***jikkonkludu li hemm*** riskju li ċerta parti tal-istandard tista'

serra tas-servizzi tat-trasport f'segmenti speċifiċi tas-suq jew twassal għal diskrepanzi bejn dak l-istandard u l-objettivi ta' dan ir-Regolament jew ta' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tikkunsidra titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jirrevedi l-istandard kif xieraq, jew tiddeċiedi li teskludi dik il-parti tal-istandard mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

toħloq żbilanċi bla bżonn fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport f'segmenti speċifiċi tas-suq jew twassal għal diskrepanzi bejn dak l-istandard u l-objettivi ta' dan ir-Regolament jew ta' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, ***b'attenzjoni partikolari għall-iżgurar ta' allinjament xieraq mal-mira vinkolanti skont id-dritt tal-Unjoni, stabbilita fir-Regolament (UE) 2021/1119, biex sal-2030 l-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti tal-Unjoni jitnaqqsu b'mill-anqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u l-objettiv li tintlaħaq newtralità klimatika mal-ekonomija kollha sa mhux aktar tard mill-2050.*** Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tqis li titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni biex jirrevedi l-istandard kif xieraq, jew li tiddeċiedi għall-esklużjoni ta' dik il-parti tal-istandard mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Billi tagħmel dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva (UE) 2023/2413, ir-Regolament (UE) 2015/757, u r-Regolament (UE) 2023/2405, inkluż id-dimensjoni mhux tas-CO2 tagħhom.***

Or. en

Emenda 63
Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni biex ma jkunx hemm devjazzjoni mill-għażliet metodoloġiċi oriġinali tal-istandard EN ISO 14083:2023, sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport fis-suq, speċjalment fil-kuntest tal-ktajjen	(13) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni biex ma jkunx hemm devjazzjoni mill-għażliet metodoloġiċi oriġinali tal-istandard EN ISO 14083:2023, sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport fis-suq, speċjalment fil-kuntest tal-ktajjen

tat-trasport internazzjonali. Madankollu, minn żmien għal żmien, huwa xieraq li tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' aġġustament possibbli tal-EN ISO 14083:2023 mill-perspettiva tal-politiki tal-Unjoni, kif ukoll ta' emendi futuri għal dak l-istandard li jistgħu jitwettqu mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, jew minn korp kompetenti ieħor. F'każ li dawn il-valutazzjonijiet juru riskju li ċerta parti tal-istandard tista' toħloq żbilanċi bla bżonn fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport f'segmenti speċifiċi tas-suq jew twassal għal diskrepanzi bejn dak l-istandard u l-objettivi ta' dan ir-Regolament jew ta' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tikkunsidra titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jirrevedi l-istandard kif xieraq, jew tiddeċiedi li teskludi dik il-parti tal-istandard mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

tat-trasport internazzjonali. Madankollu, minn żmien għal żmien, huwa xieraq li tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' aġġustament possibbli tal-EN ISO 14083:2023 mill-perspettiva tal-politiki tal-Unjoni, kif ukoll ta' emendi futuri għal dak l-istandard li jistgħu jitwettqu mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, jew minn korp kompetenti ieħor. F'każ li dawn il-valutazzjonijiet juru riskju li ċerta parti tal-istandard tista' toħloq żbilanċi bla bżonn fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport f'segmenti speċifiċi tas-suq jew twassal għal diskrepanzi bejn dak l-istandard u l-objettivi ta' dan ir-Regolament jew ta' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tikkunsidra titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jirrevedi l-istandard kif xieraq, jew tiddeċiedi li teskludi dik il-parti tal-istandard mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li tiġi eskluża emenda għall-istandard jew għal komponent li joħloq riskju ovvju ta' inkompatibbiltà mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u regoli oħra tal-Unjoni applikabbli, b'mod partikolari mal-objettiv fit-tul dwar il-klima u miri intermedjarji tal-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, u leġiżlazzjoni oħra dwar il-klima tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 64
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni biex ma jkunx hemm devjazzjoni mill-għażliet	(13) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni biex ma jkunx hemm devjazzjoni mill-għażliet

metodoloġiċi oriġinali tal-istandard EN ISO 14083:2023, sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport fis-suq, speċjalment fil-kuntest tal-ktajjen tat-trasport internazzjonali. Madankollu, minn żmien għal żmien, huwa xieraq li tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' aġġustament possibbli tal-EN ISO 14083:2023 mill-perspettiva tal-politiki tal-Unjoni, kif ukoll ta' emendi futuri għal dak l-istandard li jistgħu jitwettqu mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, jew minn korp kompetenti ieħor. F'każ li dawn il-valutazzjonijiet juru riskju li ċerta parti tal-istandard tista' toħloq żbilanċi bla bżonn fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport f'segmenti speċifiċi tas-suq jew twassal għal diskrepanzi bejn dak l-istandard u l-objettivi ta' dan ir-Regolament jew ta' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tikkunsidra titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jirrevedi l-istandard kif xieraq, jew tiddeċiedi li teskludi dik il-parti tal-istandard mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	metodoloġiċi oriġinali tal-istandard EN ISO 14083:2023, sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport fis-suq, speċjalment fil-kuntest tal-ktajjen tat-trasport internazzjonali. Madankollu, minn żmien għal żmien, huwa xieraq li tiġi vvalutata l-ħtieġa ta' aġġustament possibbli tal-EN ISO 14083:2023 mill-perspettiva tal-politiki tal-Unjoni, kif ukoll ta' emendi futuri għal dak l-istandard li jistgħu jitwettqu mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, jew minn korp kompetenti ieħor. ***L-evalwazzjoni ta' elementi addizzjonali possibbli u preċiżjoni akbar biex jissaħħaħ l-impatt ambjentali pożittiv tal-istandard hija speċjalment rilevanti.*** F'każ li dawn il-valutazzjonijiet juru riskju li ċerta parti tal-istandard tista' toħloq żbilanċi bla bżonn fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport f'segmenti speċifiċi tas-suq jew twassal għal diskrepanzi bejn dak l-istandard u l-objettivi ta' dan ir-Regolament jew ta' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tikkunsidra titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jirrevedi l-istandard kif xieraq, jew tiddeċiedi li teskludi dik il-parti tal-istandard mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 65
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Jenħtieġ li tiġi żviluppata metodoloġija għall-kalkolu ta'

emissjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja kollha relatati mal-kostruzzjoni ta' infrastruttura li tintuża mill-vettura u l-emissjonijiet relatati mal-produzzjoni, mal-manutenzjoni u t-tmiem mal-ħajja tal-vettura. Il-Kummissjoni tista' tqis l-istandards internazzjonali bħal ISO 14067, b'mod konsistenti mal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-Ħajja tal-Istandards Internazzjonali (ISO 14040 u ISO 14044), il-PCR tas-Sistema tal-EPD Internazzjonali dwar is-servizzi tat-trasport jew l-Istandards Ewropej tar-Rappurtar tas-Sostenibbiltà (ESR) u metodi tal-Impronta Ambjentali tal-Kummissjoni. Il-metodoloġija taċ-ċiklu tal-ħajja jenħtieġ li tiġi introdotta permezz ta' att delegat.

Or. en

Emenda 66
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-istandard EN ISO 14083:2023 għandu l-limitazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari n-nuqqas li ma jqisx l-emissjonijiet ta' gassijiet serra miċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tas-servizzi tat-trasport. Żviluppi ulterjuri ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinvestigaw il-possibbiltajiet u jirsistu biex jadottaw metodoloġija ta' referenza li tqis l-emissjonijiet ta' gassijiet serra miċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tas-servizzi tat-trasport.

Or. en

Emenda 67
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-

Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Sabiex jiġu evitati żvantaġġi kompetittivi għall-vetturi u għall-materjali prodotti fl-Ewropa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-produzzjoni u mir-rimi tal-vetturi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jirrevedi l-istandard b'mod xieraq, ladarba tiġi żviluppata l-metodoloġija.

Or. en

Emenda 68
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex ***tiġi evitata ċ-ċirkolazzjoni*** ta' informazzjoni mhux akkurata fis-suq, jista' jkun hemm bżonn li tiġi ċċarata l-metodoloġija ta' referenza fir-rigward tal-parametri u tas-suppożizzjonijiet rilevanti għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra użati għall-kalkolu tal-emissjonijiet qabel ma jiġi pprovdut servizz. L-istess japplika ***għal*** parametri tekniċi rilevanti oħrajn relatati mal-allokazzjoni tal-emissjonijiet jew mal-aggregazzjoni tal-elementi tad-data f'każ li l-użu ta' dawk il-parametri ma jiġix iċċarat b'mod espliċitu fil-metodoloġija.	(14) Sabiex ***jiġi evitat it-tixrid*** ta' informazzjoni mhux akkurata fis-suq, jista' jkun hemm bżonn li tiġi ċċarata l-metodoloġija ta' referenza fir-rigward tal-parametri u tas-suppożizzjonijiet rilevanti għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra użati għall-kalkolu tal-emissjonijiet qabel ma jiġi pprovdut servizz. L-istess japplika ***għas-sehem tad-data primarja ta' kull tip użat, diżaggregat għal kull element tal-katina tat-trasport, jekk applikabbli, u*** parametri tekniċi rilevanti oħrajn relatati mal-allokazzjoni tal-emissjonijiet jew mal-aggregazzjoni tal-elementi tad-data f'każ li l-użu ta' dawk il-parametri ma jiġix iċċarat b'mod espliċitu fil-metodoloġija.

Or. en

Emenda 69
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' data tal-input, inkluża data primarja u sekondarja, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-użu ta' data primarja jwassal għall-aktar riżultati affidabbli u akkurati, u għalhekk jenħtieġ li jingħata prijorità biex tiġi prevista l-adozzjoni gradwali ta' din id-data fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Madankollu, ***id-data*** primarja ***tista' ma tkunx tista' tinkiseb*** jew tkun għalja b'mod projbittiv għal ċerti partijiet ikkonċernati, speċjalment l-SMEs. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' data sekondarja jkun permess taħt ***kundizzjonijiet ċari***.	(15) Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' data tal-input, inkluża data primarja u sekondarja, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-użu ta' data primarja jwassal għall-aktar riżultati affidabbli u akkurati, u għalhekk jenħtieġ li jingħata prijorità ***u jiġi inċentivat*** biex tiġi prevista l-adozzjoni gradwali ta' din id-data fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, li l-użu tagħhom jenħtieġ li jsir obbligatorju 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament***. Madankollu, ***peress li d-data*** primarja ***jista' jkun li ma tintlaħaqx*** jew tkun għalja b'mod projbittiv ***għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li l-SMEs ikunu eżentati***. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' data sekondarja jkun permess taħt ***il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 70
Mario Furore, Maria Angela Danzì

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' data tal-input, inkluża data primarja u sekondarja, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-użu ta' data primarja jwassal għall-aktar	(15) Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' data tal-input, inkluża data primarja u sekondarja, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-użu ta' data primarja jwassal għall-aktar

riżultati affidabbli u akkurati, u għalhekk jenħtieġ li ***jingħata prijorità*** biex tiġi prevista l-adozzjoni gradwali ta' din id-data fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Madankollu, id-data primarja tista' ma tkunx tista' tinkiseb jew tkun għalja b'mod projbittiv għal ċerti partijiet ikkonċernati, speċjalment l-SMEs. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' data sekondarja jkun permess taħt kundizzjonijiet ċari.	riżultati affidabbli u akkurati, u għalhekk jenħtieġ li ***jsir obbligatorju*** biex tiġi prevista l-adozzjoni gradwali ta' din id-data fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Madankollu, id-data primarja tista' ma tkunx tista' tinkiseb jew tkun għalja b'mod projbittiv għal ċerti partijiet ikkonċernati, speċjalment l-SMEs***, li jenħtieġ li jkunu eżentati mill-obbligu***. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' data sekondarja jkun permess ***għall-SMEs*** taħt kundizzjonijiet ċari.
	Or. it

Emenda 71
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' data tal-input, inkluża data primarja u sekondarja, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-użu ta' data primarja jwassal għall-aktar riżultati affidabbli ***u akkurati***, u għalhekk jenħtieġ li ***jingħata prijorità biex tiġi prevista l-adozzjoni gradwali ta' din id-data*** fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Madankollu, id-data primarja tista' ma tkunx tista' tinkiseb ***jew tkun għalja b'mod projbittiv għal ċerti partijiet ikkonċernati, speċjalment l-SMEs***. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' data sekondarja ***jkun*** permess taħt kundizzjonijiet ċari.	(15) Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' data tal-input, inkluża data primarja u sekondarja, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-użu ta' data primarja jwassal għall-aktar riżultati affidabbli***, preċiżi, u granulari***, u għalhekk jenħtieġ li jkun ***obbligatorju*** fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Madankollu, ***inizjalment*** id-data primarja tista' ma tkunx tista' tinkiseb ***għall-SMEs***. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' data sekondarja ***mill-SMEs ikun*** permess ***matul perjodu tranżitorju ta' 36 xahar*** taħt kundizzjonijiet ċari. ***L-OEMs jenħtieġ li jipprovdu aċċess għal data ta' ġol-vettura rilevanti għal dan l-għan lill-SMEs.***
	Or. en

Emenda 72
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' data tal-input, inkluża data primarja u sekondarja, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-użu ta' data primarja jwassal għall-aktar riżultati affidabbli u akkurati, u għalhekk jenħtieġ li ***jingħata prijorità biex tiġi prevista l-adozzjoni gradwali ta' din id-data*** fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Madankollu, id-data primarja tista' ma tkunx tista' tinkiseb jew tkun għalja b'mod projbittiv għal ***ċerti partijiet ikkonċernati, speċjalment*** l-SMEs. Għalhekk, jenħtieġ li ***l-użu ta' data sekondarja jkun permess*** taħt kundizzjonijiet ċari.	(15) Jistgħu jintużaw tipi differenti ta' data tal-input, inkluża data primarja u sekondarja, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-użu ta' data primarja jwassal għall-aktar riżultati affidabbli u akkurati, u għalhekk jenħtieġ li ***jkun obbligatorju*** fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Madankollu, id-data primarja tista' ma tkunx tista' tinkiseb jew tkun għalja b'mod projbittiv għall-SMEs. Għalhekk, ***l-SMEs*** jenħtieġ li ***jitħallew jużaw data sekondarja*** taħt kundizzjonijiet ċari.

Or. en

Emenda 73
Tiemo Wölken, Rovana Plumb, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Meta organizzatur ta' servizz tat-trasport jissottokuntratta parzjalment it-twettiq ta' servizz tat-trasport, jenħtieġ li l-partijiet ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jikkalkulawx id-data tal-output għall-parti sottokuntrattata tas-servizz tat-trasport abbażi ta' data primarja jew sekondarja, irrispettivament mill-metodu magħżul mill-organizzatur tas-servizz tat-trasport għall-kalkolu tad-data tal-output tiegħu stess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'sitwazzjonijiet li jinvolvu servizzi ta' trasport sottokuntrattati, il-kuntrattur ewlieni għandu jkun jista' jaċċetta taħlita ta' data primarja u sekondarja minn sottokuntratturi meta jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport. Dan għandu jkun irrispettivament mill-metodu magħżul mill-kuntrattur ewlieni biex jirrapporta l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-flotta tiegħu stess. Il-kuntrattur ewlieni għandu jkun jista' jżid il-valuri meta jirrapporta, irrispettivament minn kif il-valuri ġew ikkalkolati (jiġifieri abbażi ta' data primarja jew sekondarja).

Emenda 74
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) L-Istati Membri jistgħu jintroduċu inċentivi ta' natura amministrattiva, finanzjarja jew operattiva biex jistimulaw l-użu ta' data primarja, u f'dan ir-rigward l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta jistabbilixxu tali inċentivi, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja l-funzjonament tajjeb tas-suq inter u tiżgura kundizzjonijiet ekwi.

Or. en

Emenda 75
Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Sabiex jiġi promoss użu aktar komprensiv ta' data primarja, jenħtieġ li Stat Membru madankollu jkun jista' jipprevedi li l-użu ta' data primarja jkun obbligatorju għal operazzjonijiet ta' trasport fit-territorju tiegħu minn entitajiet li n-numru ta' impjegati tagħhom jaqbeż ċertu limitu stabbilit mil-

liġi nazzjonali fejn is-servizz ta' trasport jibda u jispiċċa fit-territorju tiegħu.

Or. en

Emenda 76
Tiemo Wölken, Rovana Plumb, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Meta organizzatur ta' servizz tat-trasport li jissottokuntratta parzjalment jew bis-sħiħ it-twettiq konkret ta' servizz tat-trasport u jiddeċiedi li jintegra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-sottokuntrattur fil-kalkolu globali tiegħu, jenħtieġ li huwa jkun jista' jibbaża fuq data sekondarja fir-rigward ta' servizzi tat-trasport imwettqa mis-sottokuntrattur(i). Jenħtieġ li tingħata flessibbiltà biex tintuża data sekondarja minn sottokuntrattur wieħed jew aktar, anke jekk id-data primarja tintuża għall-kalkolu ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw minn servizzi tat-trasport imwettqa minn sottokuntratturi oħra jew mill-flotta tal-orgranizzatur tas-servizz tat-trasport stess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'sitwazzjonijiet li jinvolvu servizzi ta' trasport sottokuntrattati, il-kuntrattur ewlieni għandu jkun jista' jaċċetta taħlita ta' data primarja u sekondarja minn sottokuntratturi meta jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport. Dan għandu jkun irrispettivament mill-metodu magħżul mill-kuntrattur ewlieni biex jirrapporta l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-flotta tiegħu stess. Il-kuntrattur ewlieni għandu jkun jista' jżid il-valuri meta jirrapporta, irrispettivament minn kif il-valuri ġew ikkalkolati (jiġifieri abbażi ta' data primarja jew sekondarja).

Emenda 77

Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Fir-rigward tad-data sekondarja***, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport jistgħu jiġu kkalkolati bl-użu ta' valuri prestabbiliti jew ta' data mmudellata. Madankollu, jenħtieġ li l-użu ta' valuri prestabbiliti u ta' data mmudellata jipprovdi informazzjoni akkurata u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz speċifiku tat-trasport, u għalhekk jenħtieġ li dawk il-valuri prestabbiliti jiġu stabbiliti u d-data mmudellata tiġi żviluppata b'mod newtrali u oġġettiv, abbażi ta' sorsi affidabbli u ta' parametri adegwati.	(16) ***Meta applikabbli***, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport jistgħu jiġu kkalkolati bl-użu ta' valuri prestabbiliti jew ta' data mmudellata ***("data sekondarja")***. Madankollu, jenħtieġ li l-użu ta' valuri prestabbiliti u ta' data mmudellata jipprovdi informazzjoni akkurata u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz speċifiku tat-trasport, u għalhekk jenħtieġ li dawk il-valuri prestabbiliti jiġu stabbiliti u d-data mmudellata tiġi żviluppata***, u aġġornata b'mod regolari*** b'mod newtrali u oġġettiv, abbażi ta' sorsi affidabbli u ta' parametri adegwati. ***It-tip ippreferut ta' bażi tad-data ("bażi tad-data tat-twettiq tat-trasport irreferenzjat mill-pari") huwa bbażat fuq data primarja regolari miġbura fi grupp tal-pari b'differenzjazzjoni settorjali u ġeografika, maqluba f'fatturi ta' intensità tal-emissjonijiet li jistgħu jintużaw mill-SMEs. Il-bażijiet tad-data u l-valuri prestabbiliti li jwasslu biex l-emissjonijiet riżultanti jidhru inqas meta mqabbla ma' rapportar tad-data primarja jitqiesu bħala li ma għaddewx mill-kontroll tal-kwalità teknika. Jenħtieġ li l-kontrolli tal-kwalità teknika jiġu ripetuti fuq bażi regolari.***

Or. en

Emenda 78
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita	(17) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita

bażi tad-data ewlenija tal-UE ta' valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex tittejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Madankollu, minħabba*** l-ispeċifiċitajiet settorjali, nazzjonali u reġjonali ta' dawk il-valuri prestabbiliti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li ***jkunu permessi bażijiet tad-data u settijiet tad-data rilevanti oħra operati minn partijiet*** terzi bil-kundizzjoni li ***dawn jgħaddu minn*** kontroll tekniku tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni.

bażi tad-data ewlenija tal-UE ta' valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex tittejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ambjentali Ewropea, li tistabbilixxi u żżomm il-bażi tad-data jenħtieġ li tqis kemm jista' jkun b'mod preċiż*** l-ispeċifiċitajiet settorjali, nazzjonali u reġjonali ta' dawk il-valuri prestabbiliti madwar l-Unjoni***. Jenħtieġ li l-bażi tad-data tinkludi tabelli separati għal kull mod ta' trasport.*** Jenħtieġ li ***l-partijiet*** terzi ***jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-bażi tad-data*** bil-kundizzjoni li ***d-data li jistgħu jipprovdu tgħaddi minn*** kontroll tal-kwalità teknika fil-livell tal-Unjoni. ***L-input tal-parti terza jista' jkollu valur speċjalment fit-titjib tal-akkuratezza tal-valuri fir-rigward ta' speċifiċitajiet settorjali, nazzjonali u reġjonali.***

Or. en

Emenda 79
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi tad-data ewlenija tal-UE ta' valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex tittejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet settorjali, nazzjonali u reġjonali ta' dawk il-valuri prestabbiliti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jkunu permessi bażijiet tad-data u settijiet tad-data rilevanti oħra operati minn partijiet terzi bil-kundizzjoni li dawn	(17) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi tad-data ewlenija tal-UE ta' valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, differenzjata skont it-tip ta' trasport u filwaqt li titqies id-diżaggregazzjoni bejn vetturi differenti tal-enerġija kif ukoll vetturi tal-flotta,*** biex tittejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. Jenħtieġ li din il-bażi tad-data, meta applikabbli, tipprovdi biżżejjed granularità u tirrifletti l-ispeċifiċitajiet***

jgħaddu minn kontroll tekniku tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni.

settorjali, nazzjonali u reġjonali madwar l-Unjoni, u jenħtieġ li tinkludi tabelli separati għall kull tip ta' trasport, filwaqt li tiżgura aġġornament regolari u inkorporazzjoni ta' avvanzi teknoloġiċi tal-ogħla livell fit-tnaqqis tal-emissjonijiet. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet settorjali, nazzjonali u reġjonali ta' dawk il-valuri prestabbiliti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jkunu permessi bażijiet tad-data u settijiet tad-data rilevanti oħra ***għal perjodu interim*** operati minn partijiet terzi bil-kundizzjoni li dawn jgħaddu minn kontroll tekniku tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 80
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi tad-data ewlenija tal-UE ta' valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex tittejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet settorjali, nazzjonali u reġjonali ta' dawk il-valuri prestabbiliti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jkunu permessi bażijiet tad-data u settijiet tad-data rilevanti oħra operati minn partijiet terzi bil-kundizzjoni li dawn jgħaddu minn kontroll tekniku tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni.	(17) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi tad-data ewlenija tal-UE ta' valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ***skont il-modalità tat-trasport*** biex tittejjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet settorjali, nazzjonali u reġjonali ta' dawk il-valuri prestabbiliti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jkunu permessi bażijiet tad-data u settijiet tad-data rilevanti oħra operati minn partijiet terzi bil-kundizzjoni li dawn jgħaddu minn kontroll tekniku tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 81
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta tiġi stabbilita l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport, il-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra għat-trasportaturi tal-enerġija tat-trasport huma meħtieġa li jiksbu stimi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriflettu l-ammont ta' enerġija użata f'perspettiva well-to-wheel. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi tad-data ċentrali tal-UE dwar il-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra tat-trasportaturi tal-enerġija biex jiġu ggarantiti l-komparabbiltà u l-kwalità tad-data tal-input.	(18) Meta tiġi stabbilita l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport, il-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra għat-trasportaturi tal-enerġija tat-trasport huma meħtieġa li jiksbu stimi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriflettu l-ammont ta' enerġija użata f'perspettiva well-to-wheel. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi tad-data ċentrali tal-UE dwar il-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra tat-trasportaturi tal-enerġija biex jiġu ggarantiti l-komparabbiltà u l-kwalità tad-data tal-input. ***Meta jitqiesu l-effetti pożittivi tal-użu ta' teknoloġiji ta' emissjoni żero u l-ħtieġa li dawn jiġu inċentivati fit-terminu qasir, il-fattur tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-elettriku jenħtieġ li jingħadd bħala żero. Il-Kummissjoni tista' tipprevedi l-possibbiltà li tqis il-fattur reali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-elettriku aktar tard meta tirrieżamina jew tissostitwixxi l-istandard EN ISO 14083:2023, filwaqt li tiżgura li l-lvaluri primarji jew sekondarji tal-fatturi ta' gassijiet serra ta' ffuwils differenti jirrappreżentaw b'mod preċiż l-emissjonijiet reali tagħhom.***

Or. en

Emenda 82
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(18a) Jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ approċċ ibbażat fuq il-post, abbażi tal-fatt li jiġi żgurat sett ta' valuri tal-intensità aġġornati u preċiżi għall-Istati Membri differenti, meta jiġu kkwantifikati emissjonijiet relatati mal-użu ta' elettriku abbażi ta' valuri tal-intensità tal-emissjonijiet aġġornati u preċiżi għal kull Stat Membru. Huwa mixtieq ukoll approċċ ibbażat fuq is-suq, dment li tiġi żgurata traċċabbiltà xierqa, permezz ta' kuntratt akkreditabbli mal-garanziji tal-oriġini. Il-bażijiet tad-data stabbiliti minn dan ir-regolament jenħtieġ li jużaw ċifri bbażati fuq approċċ ibbażat fuq il-post.

Or. en

Emenda 83
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data tal-UE ***tal-valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra***, kif ukoll il-verifika tal-kwalità teknika tal-bażijiet tad-data esterni u tas-settijiet tad-data operati minn partijiet terzi jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. Fid-dawl tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-parti tar-Regolament. Meta rilevanti, din il-ħidma tista' tiddependi fuq il-kontribuzzjoni minn korpi settorjali oħra tal-UE u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt separat tal-Unjoni.	(19) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data tal-UE ***stabbiliti minn dan ir-Regolament***, kif ukoll il-verifika tal-kwalità teknika tal-bażijiet tad-data esterni u tas-settijiet tad-data operati minn partijiet terzi jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. Fid-dawl tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-parti tar-Regolament. Meta rilevanti, din il-ħidma tista' tiddependi fuq il-kontribuzzjoni minn korpi settorjali oħra tal-UE u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt separat tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 84
Tiemo Wölken, Rovana Plumb, Sara Cerdas

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data tal-UE tal-valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra, kif ukoll il-verifika tal-kwalità teknika tal-bażijiet tad-data ***esterni*** u tas-settijiet tad-data ***operati minn partijiet terzi*** jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. Fid-dawl tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-parti tar-Regolament. Meta rilevanti, din il-ħidma tista' tiddependi fuq il-kontribuzzjoni minn korpi settorjali oħra tal-UE u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt separat tal-Unjoni.	(19) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data tal-UE tal-valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra, kif ukoll il-verifika tal-kwalità teknika tal-bażijiet tad-data u tas-settijiet tad-data jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. Fid-dawl tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-parti tar-Regolament. Meta rilevanti, din il-ħidma tista' tiddependi fuq il-kontribuzzjoni minn korpi settorjali oħra tal-UE u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt separat tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 85
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data tal-UE tal-valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra, kif	(19) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data tal-UE tal-valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra, kif

ukoll il-verifika tal-kwalità teknika tal-bażijiet tad-data ***esterni*** u tas-settijiet tad-data ***operati minn partijiet terzi*** jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. Fid-dawl tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-parti tar-Regolament. Meta rilevanti, din il-ħidma tista' tiddependi fuq il-kontribuzzjoni minn korpi settorjali oħra tal-UE u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt separat tal-Unjoni.	ukoll il-verifika tal-kwalità teknika tal-bażijiet tad-data u tas-settijiet tad-data jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. Fid-dawl tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-parti tar-Regolament. Meta rilevanti, din il-ħidma tista' tiddependi fuq il-kontribuzzjoni minn korpi settorjali oħra tal-UE u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt separat tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 86
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data tal-UE tal-valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra, kif ukoll il-verifika tal-kwalità teknika ***tal-bażijiet tad-data esterni u tas-settijiet tad-data operati*** minn partijiet terzi jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. Fid-dawl tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-parti tar-Regolament. Meta rilevanti, din il-ħidma tista' tiddependi fuq il-kontribuzzjoni minn korpi settorjali oħra tal-UE u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt separat tal-Unjoni.	(19) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data tal-UE tal-valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra, kif ukoll il-verifika tal-kwalità teknika ***tad-data pprovduta*** minn partijiet terzi jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. Fid-dawl tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-parti tar-Regolament. Meta rilevanti, din il-ħidma tista' tiddependi fuq il-kontribuzzjoni minn korpi settorjali oħra tal-UE u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt separat tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 87
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Meta jiżviluppaw il-bażijiet tad-data, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandhom jagħtu attenzjoni speċjali li l-valuri prestabbiliti jridu jipprevedu kundizzjonijiet ekwi bejn il-modi kollha tat-trasport, filwaqt li jqisu l-limitazzjonijiet tal-istandard imsemmi fl-Artikolu 4(1) u filwaqt li jiżguraw li l-valuri u l-korrelazzjonijiet tagħhom ikunu allinjati mal-għanijiet aħħarija tal-liġi Klimatika Ewropea. Dawn jenħtieġ li jindirizzaw id-distorsjonijiet possibbli ta' valuri prestabbiliti potenzjali li jistgħu jkunu ta' benefiċċju b'mod inġust għal ċerti modi, u jenħtieġ li jqisu d-differenzi li jeżistu fil-flotot tal-vetturi, inkluż ħafna vetturi eterogenji.

Or. en

Emenda 88
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Tista' tintuża data mmudellata jekk tkun ibbażata fuq mudell stabbilit f'konformità mal-metodoloġija ta' referenza u, meta rilevanti, dispożizzjonijiet oħra dwar l-użu ta' data sekondarja u ta' għodod ta' kalkolu stabbiliti f'dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 89
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Ir-Regolament (UE) 2015/7[57] u d-Direttiva 2003/87/KE jirrikjedu l-ġbir, il-kalkolu u r-rappurtar annwali tal-emissjonijiet ta' **CO2** mill-bastimenti u mill-inġenji tal-ajru, rispettivament. Ir-Regolament (UE) 2015/757[58] u d-Direttiva 2003/87/KE[59] jistgħu sa ċertu punt ikunu komplementari għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, speċjalment f'termini tal-produzzjoni ta' data dwar il-fjuwil maħruq bħala input għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' servizzi tat-trasport. Id-data tal-input għall-ġenerazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tista' toriġina wkoll mill-implimentazzjoni ta' oqfsa leġiżlattivi oħra, bħar-Regolament (UE) 2019/1242[60] ***u r-Regolament*** (UE) 2019/631[61].	(21) Ir-Regolament (UE) 2015/7[57] u d-Direttiva 2003/87/KE jirrikjedu l-ġbir, il-kalkolu u r-rappurtar annwali tal-emissjonijiet ta' **CO2** mill-bastimenti u mill-inġenji tal-ajru, rispettivament. Ir-Regolament (UE) 2015/757[58] u d-Direttiva 2003/87/KE[59] jistgħu sa ċertu punt ikunu komplementari għad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, speċjalment f'termini tal-produzzjoni ta' data dwar il-fjuwil maħruq bħala input għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' servizzi tat-trasport. Id-data tal-input għall-ġenerazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tista' toriġina wkoll mill-implimentazzjoni ta' oqfsa leġiżlattivi oħra, bħar-Regolament (UE) 2019/1242[60] ***, ir-Regolament*** (UE) 2019/631[61] ***u r-Regolament (UE) 2023/2405***.
[58] Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55–76)	[58] Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55–76)
[59] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32–46)	[59] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32–46)

[60] Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019)

[61] Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13–53)

[60] Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019)

[61] Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13–53)

Or. en

Emenda 90
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti metriki komuni biex tiġi espressa d-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li hija l-bażi tal-komparabbiltà ta' dik id-data u li tippermetti valutazzjoni komparattiva effettiva ta' diversi servizzi tat-trasport. Jenħtieġ li l-metriki komuni jippermettu wkoll komunikazzjoni ċara minn fornitur tad-data u fehim akkurat ta' din il-komunikazzjoni minn riċevitur tad-data.	(22) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti metriki komuni biex tiġi espressa d-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li hija l-bażi tal-komparabbiltà ta' dik id-data u li tippermetti valutazzjoni komparattiva effettiva ta' diversi servizzi tat-trasport. Jenħtieġ li l-metriki komuni jippermettu wkoll komunikazzjoni ċara minn fornitur tad-data u fehim akkurat ta' din il-komunikazzjoni minn riċevitur tad-data. ***F'dan is-sens, meta jiġu ddeterminati d-distanzi, b'mod partikolari rigward l-istabbiliment tal-intensità tal-emissjonijiet, jenħtieġ li dan ir-regolament juża biss l-għażla tad-Distanza Ortodromika ("GCD")***

f'ISO14083, biex tissaħħaħ il-komparabbiltà u jitnaqqas il-piż amministrattiv, ħlief f'każijiet fejn id-data primarja preċiża rigward id-distanza reali tista' tintuża kemm fin-numeratur kif ukoll fid-denominatur, bħal fis-settur tal-ferroviji.

Or. en

Emenda 91
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti metriki komuni biex tiġi espressa d-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li hija l-bażi tal-komparabbiltà ta' dik id-data u li tippermetti valutazzjoni komparattiva effettiva ta' diversi servizzi tat-trasport. Jenħtieġ li l-metriki komuni jippermettu wkoll komunikazzjoni ċara minn fornitur tad-data u fehim akkurat ta' din il-komunikazzjoni minn riċevitur tad-data.	(22) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti metriki komuni biex tiġi espressa d-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li hija l-bażi tal-komparabbiltà ta' dik id-data u li tippermetti valutazzjoni komparattiva effettiva ta' diversi servizzi tat-trasport. Jenħtieġ li l-metriki komuni jippermettu wkoll komunikazzjoni ċara minn fornitur tad-data u fehim akkurat ta' din il-komunikazzjoni minn riċevitur tad-data. ***Jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-entitajiet ikkonċernati jenħtieġ li ma jkunux jistgħu jnaqqsu l-volum ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tad-data tal-output billi jużaw unitajiet ta' tneħħija tal-karbonju.***

Or. en

Emenda 92
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Biex jiġi evitat il-greenwashing,

huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm armonizzazzjoni mhux biss fil-metodoloġija tal-kalkolu, iżda wkoll fil-preżentazzjoni tad-data tal-output. Huma biss l-emissjonijiet verifikati u ċ-ċifri ta' intensità tal-emissjonijiet li huma komparabbli b'mod oġġettiv. Jenħtieġ li din id-data tal-output tkun ippreżentata b'mod ċar u ma tkunx soġġetta għal kategorizzazzjonijiet bħal arranġament skont il-kulur jew skemi tal-gradazzjoni li jistgħu jkunu soġġetti għal interpretazzjoni individwali. Barra minn hekk, huwa essenzjali li kull servizz tat-trasport offrut minn entità kkonċernata u l-flotta kollha tal-vetturi tagħha jitqiesu, u mhux biss dawk bl-aktar intensità baxxa ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, peress li tali żvelar parzjali jista' jinvolvi wkoll greenwashing. L-informazzjoni pprovduta lill-utenti u lill-klijenti potenzjali jenħtieġ li tindika b'mod ċar is-sehem ta' data primarja użata, biex tiġi ppremjata l-applikazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 93
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Sabiex jiġu mħeġġa għażliet tal-imġiba li huma sodi mill-aspett ambjentali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi portal bla ħlas fejn l-utenti jistgħu jeżaminaw id-data tal-output pprovduta minn entitajiet skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-portal jippermetti lill-utenti jidentifikaw u jqabblu b'mod faċli l-impronta tal-karbonju ta' forniturи tas-servizzi tat-trasport differenti ġewwa postijiet speċifikati ġeografikament u jaraw il-

proporzjon ta' servizzi tat-trasport pprovduti li jużaw vetturi b'emissjonijiet żero. Jenħtieġ li l-portal jippermetti tfittxijiet u downloads ibbażati fuq talbiet sabiex, pereżempju, tiġi appoġġata r-riċerka fil-qasam tas-servizzi tat-trasport fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 94
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) L-iskemi ta' komunikazzjoni kategorizzati skont il-kulur jgħinu liċ-ċittadini, speċjalment dawk b'għarfien limitat dwar il-kwistjoni involuta, biex jifhmu d-data tal-emissjonijiet u jqabblu emissjonijiet simili u kemm il-forniturituri tas-servizzi differenti jkunu ekoloġiċi. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita skema ta' komunikazzjoni kategorizzata skont il-kulur għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizzi tat-trasport permezz ta' att delegat.

Or. en

Emenda 95
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Kwalunkwe informazzjoni diżaggregata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport li tiġi ddivulgata lil parti terza għal finijiet	(23) Kwalunkwe informazzjoni diżaggregata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport li tiġi ddivulgata***, inkluż*** lil parti terza għal

kummerċjali jew regolatorji f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi b'mod indispensabbli u prominenti d-data tal-output stabbilita skont ir-regoli speċifiċi għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti minn dan ir-Regolament***. Jistgħu jiżdiedu elementi addizzjonali tad-data, li jservu skopijiet oħra għajr dawk definiti skont dan ir-Regolament, meta rilevanti.***	finijiet kummerċjali jew regolatorji f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi b'mod indispensabbli u prominenti d-data tal-output stabbilita skont ir-regoli speċifiċi għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti minn dan ir-Regolament***, inkluż informazzjoni dwar il-metodoloġija użata, is-suppożizzjonijiet u s-sehem tal-użu ta' data primarja ta' kull tip, diżaggregata skont l-element tal-katina tat-trasport, jekk applikabbli, b'hekk tiġi mħeġġa t-trasparenza u jiġi inċentivat vantaġġ komparattiv kwalitattiv għall-kumpaniji b'input aktar dettaljat, u b'hekk kwalità aħjar tad-data tal-output rigward l-emissjonijiet tagħhom***.

Or. en

Emenda 96
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) L-iżvelar ta' informazzjoni rigward l-emissjonijiet tal-gassijiet serra qabel il-forniment ta' servizz tat-trasport huwa kruċjali biex jiġi mħeġġeġ proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet infurmat min-naħa taċ-ċittadini. Madankollu, l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tista' tiġi żvelata wara l-forniment tas-servizz tat-trasport f'każijiet debitament ġustifikati, b'mod partikolari meta l-komunikazzjoni bejn il-kumpaniji tkun teħtieġ livell aktar dettaljat ta' informazzjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ktajjen loġistiċi u r-relazzjonijiet tas-sottokuntrattar.

Or. en

Emenda 97
Pascal Canfin

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) L-iżvelar tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tas-servizzi tat-trasport jagħti s-setgħa lill-klijenti u liċ-ċittadini jagħmlu għażliet infurmati tajjeb u jinfluwenza d-deċiżjonijiet kummerċjali tal-entitajiet li jorganizzaw u jipprovdu dawn is-servizzi fis-suq. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatata ma' servizz tat-trasport speċifiku tiġi żvelata mill-entitajiet ikkonċernati, kull meta dan ikun possibbli, qabel il-forniment tas-servizz tat-trasport.

Or. en

Emenda 98
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sakemm ma japplikawx arranġamenti separati, jenħtieġ li intermedjarju tad-data li jiġbor informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport minn entità kkonċernata jew minn persuna ġuridika jew fiżika rilevanti oħra, u d-divulgazzjoni tagħha fis-suq, ma jitqiesx responsabbli f'każ li din l-informazzjoni tikser xi wieħed mir-rekwiżiti relatati mal-kalkolu u mal-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u maċ-ċertifikazzjoni tal-għodod ta' kalkolu, stabbiliti minn dan ir-Regolament. Madankollu, l-intermedjarju tad-data	(25) Sakemm ma japplikawx arranġamenti separati, jenħtieġ li intermedjarju tad-data li jiġbor informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport minn entità kkonċernata jew minn persuna ġuridika jew fiżika rilevanti oħra, u d-divulgazzjoni tagħha fis-suq, ma jitqiesx responsabbli f'każ li din l-informazzjoni tikser xi wieħed mir-rekwiżiti relatati mal-kalkolu u mal-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u maċ-ċertifikazzjoni tal-għodod ta' kalkolu, stabbiliti minn dan ir-Regolament. Madankollu, l-intermedjarju tad-data

jenħtieġ li jagħmel sforz biex jipprevjeni milli tiġi ddivulgata informazzjoni mhux akkurata jew mhux korretta, u jenħtieġ li jirrispetta r-regoli relatati mad-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, mal-komunikazzjoni u mat-trasparenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-intermedjarju tad-data jipprovdi s-sors ta' din l-informazzjoni, biex jippermetti l-identifikazzjoni tal-fornitur tal-informazzjoni rispettiv.

jenħtieġ li ***jkun responsabbli biex jiżgura l-wiri ta' tali informazzjoni obbligatorja u fl-istess waqt*** jagħmel sforz biex jipprevjeni milli tiġi ddivulgata informazzjoni mhux akkurata jew mhux korretta***, filwaqt li jevita distorsjoni ta' għażla tal-konsumatur ibbażata fuq l-emissjonijiet***, u jenħtieġ li jirrispetta r-regoli relatati mad-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, mal-komunikazzjoni u mat-trasparenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-intermedjarju tad-data jipprovdi s-sors ta' din l-informazzjoni, biex jippermetti l-identifikazzjoni tal-fornitur tal-informazzjoni rispettiv.

Or. en

Emenda 99
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***Sakemm ma japplikawx arranġamenti separati,*** jenħtieġ li intermedjarju tad-data li jiġbor informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport minn entità kkonċernata jew minn persuna ġuridika jew fiżika rilevanti oħra, ***u d-divulgazzjoni tagħha*** fis-suq***, ma jitqiesx responsabbli f'każ li din l-informazzjoni tikser xi wieħed mir-rekwiżiti*** relatati mal-kalkolu u mal-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u maċ-ċertifikazzjoni tal-għodod ta' kalkolu, stabbiliti minn dan ir-Regolament. ***Madankollu,*** l-intermedjarju tad-data jenħtieġ li jagħmel sforz biex jipprevjeni milli tiġi ddivulgata informazzjoni mhux akkurata jew mhux korretta, u jenħtieġ li jirrispetta r-regoli relatati mad-data tal-	(25) Jenħtieġ li intermedjarju tad-data li jiġbor informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport minn entità kkonċernata jew minn persuna ġuridika jew fiżika rilevanti oħra, ***jiżvela biss*** fis-suq ***data li qed tissodisfa r-rekwiżiti*** relatati mal-kalkolu u mal-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u maċ-ċertifikazzjoni tal-għodod ta' kalkolu, stabbiliti minn dan ir-Regolament. L-intermedjarju tad-data jenħtieġ li jagħmel sforz biex jipprevjeni milli tiġi ddivulgata informazzjoni mhux akkurata jew mhux korretta, u jenħtieġ li jirrispetta r-regoli relatati mad-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, mal-komunikazzjoni u mat-trasparenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-intermedjarju tad-

output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, mal-komunikazzjoni u mat-trasparenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-intermedjarju tad-data jipprovdi s-sors ta' din l-informazzjoni, biex jippermetti l-identifikazzjoni tal-fornitur tal-informazzjoni rispettiv.

data jipprovdi s-sors ta' din l-informazzjoni, biex jippermetti l-identifikazzjoni tal-fornitur tal-informazzjoni rispettiv. ***Jenħtieġ li d-data tiġi żvelata mingħajr ħlas.***

Or. en

Emenda 100
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkunu konxji bis-sħiħ tal-emissjonijiet mistennija ta' servizz tat-trasport, kif ukoll tal-alternattivi disponibbli sabiex jagħmlu għażla infurmata b'mod xieraq, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għal-konsenji tal-pakketti, l-emissjonijiet stmati abbażi ta' data kkalkolata preċedentement għal servizzi ekwivalenti jenħtieġ li tintwera b'mod xieraq mill-fornitur tas-servizz tat-trasport, kif ukoll minn kwalunkwe intermedjarju bħal bejjiegħa jew magni tat-tiftix, navigazzjoni diġitali u servizzi tal-ippjanar tar-rotot tal-ivvjaġġar u stazzjonijiet tar-riforniment tal-fjuwil jew tal-iċċarġjar mill-ġdid, qabel ix-xiri tas-servizz tat-trasport jew il-konklużjoni tal-kuntratt. Jenħtieġ li tali data tkun żvelata u kondiviża awtomatikament mas-sħab fil-katina tal-loġistika u tat-trasport, u b'mod partikolari wkoll ma' intermedjarji tad-data fil-kamp ta' applikazzjoni tar-[Regolament dwar is-Servizzi ta' Mobbiltà Diġitali Multimodali]. Jenħtieġ li l-intermedjarji tad-data jkunu obbligati jinkorporaw l-informazzjoni b'mod viżibbli fuq kull riżultat tat-tiftix u jinkludu l-klassifikazzjoni tal-

emissjonijiet bħala għażla ta' klassifikazzjoni prestabbilta, fejn tintwera l-ewwel l-għażla l-aktar ekoloġika, kif ukoll tqabbil faċli bejn għażliet modali differenti, inkluż l-użu ta' vetturi privati kif ukoll għażliet ta' roti, meta xieraq. Jenħtieġ li l-operaturi tal-kummerċ elettroniku juru wkoll l-emissjonijiet tas-servizz tat-trasport assoċjati mal-għażliet differenti ta' konsenja tal-pakketti, flimkien mad-data u l-kost stmati attwalment disponibbli. Id-data tal-output relatata mal-emissjonijiet reali tas-servizz tat-trasport jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll wara t-tlestija tagħha.

Or. en

Emenda 101
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25b) Il-konsenja ta' pakketti bir-rota qiegħda tintuża dejjem aktar fil-loġistika bħala mod effiċjenti u kważi mingħajr emissjonijiet għal operazzjonijiet tat-trasport ta' ġbir u ta' konsenja tal-aħħar mil, b'mod partikolari f'ambjenti urbani u distanzi oħra fuq medda qasira. Barra minn hekk, is-servizzi assoċjati mat-trasport tal-passiġġieri, bħall-kiri tar-roti u skemi tar-roti kondiviżi qegħdin jikbru wkoll. Il-kumpaniji tal-loġistika tal-merkanzija bir-rota, essenzjalment SMEs, huma wkoll lesti u ħerqana li jirrapportaw l-emissjonijiet tagħhom, li jenħtieġ li jintużaw, meta possibbli, bħala punt referenzjarju ma' modi alternattivi għal servizzi simili. Is-servizzi ta' bike sharing u d-data tal-emissjonijiet relatata pprovduta mill-entitajiet tagħhom jenħtieġ li jiġu integrati b'mod prestabbilit fi pjanifikaturi tar-rotot tal-ivvjaġġar u

f'navigaturi, flimkien ma' dawk ta' modi oħra.

Or. en

Emenda 102
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-għodod ta' kalkolu esterni li huma pprovduti fis-suq għall-użu kummerċjali u mhux kummerċjali usa' jistgħu jiffaċilitaw il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u b'hekk jappoġġaw l-adozzjoni tagħha mill-gruppi usa' ta' partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-użu ta' dawn l-għodod jiġi ċċertifikat biex jiggarantixxi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-metodoloġija ta' referenza komuni u ta' sett xieraq ta' data tal-input.	(26) L-għodod ta' kalkolu esterni li huma pprovduti fis-suq għall-użu kummerċjali u mhux kummerċjali usa' jistgħu jiffaċilitaw il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u b'hekk jappoġġaw l-adozzjoni tagħha mill-gruppi usa' ta' partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-użu ta' dawn l-għodod jiġi ċċertifikat biex jiggarantixxi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-metodoloġija ta' referenza komuni u ta' sett xieraq ta' data tal-input. ***Iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ lki tispeċifika jekk l-għodda ta' kalkolu tappoġġax kalkolu bbażat fuq data primarja. Barra minn hekk, sabiex tinħoloq għodda komuni u li titqabbel faċilment, kif ukoll biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq l-entitajiet li jixtiequ jikkalkulaw l-emissjonijiet tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa għodda għall-kalkolu li tkun aċċessibbli għall-pubbliku u bla ħlas.***

Or. en

Emenda 103
Tiemo Wölken, Rovana Plumb, Sara Cerdas, Maria Grapini

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-għodod ta' kalkolu esterni li huma pprovduti fis-suq għall-użu kummerċjali u mhux kummerċjali usa' jistgħu jiffaċilitaw il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u b'hekk jappoġġaw l-adozzjoni tagħha mill-gruppi usa' ta' partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-użu ta' dawn l-għodod jiġi ċċertifikat biex jiggarantixxi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-metodoloġija ta' referenza komuni u ta' sett xieraq ta' data tal-input.	(26) L-għodod ta' kalkolu esterni li huma pprovduti fis-suq għall-użu kummerċjali u mhux kummerċjali usa' jistgħu jiffaċilitaw il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u b'hekk jappoġġaw l-adozzjoni tagħha mill-gruppi usa' ta' partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-użu ta' dawn l-għodod jiġi ċċertifikat biex jiggarantixxi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-metodoloġija ta' referenza komuni u ta' sett xieraq ta' data tal-input. ***Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, speċjalment fir-rigward tal-SMEs, kif ukoll biex id-data tal-output tkun aktar komparabbli faċilment, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa għodda konformi għall-kalkolu u din tiġi pprovduta lill-pubbliku bla ħlas.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi stimulat l-użu ta' dan l-approċċ tal-kontabbiltà volontarja, il-Kummissjoni, wara li tkun ġabret biżżejjed għarfien espert fil-proċess tal-istabbiliment tal-bażijiet tad-data ewlenin u ċentrali, għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku għodda għall-kalkolu f'konformità ma' dan ir-regolament.

Emenda 104
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-għodod ta' kalkolu esterni li huma pprovduti fis-suq għall-użu kummerċjali u mhux kummerċjali usa' jistgħu jiffaċilitaw il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi	(26) L-għodod ta' kalkolu esterni li huma pprovduti fis-suq għall-użu kummerċjali u mhux kummerċjali usa' jistgħu jiffaċilitaw il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi

tat-trasport, u b'hekk jappoġġaw l-adozzjoni tagħha mill-gruppi usa' ta' partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-użu ta' dawn l-għodod jiġi ċċertifikat biex jiggarantixxi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-metodoloġija ta' referenza komuni u ta' sett xieraq ta' data tal-input.	tat-trasport, u b'hekk jappoġġaw l-adozzjoni tagħha mill-gruppi usa' ta' partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-użu ta' dawn l-għodod jiġi ċċertifikat biex jiggarantixxi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-metodoloġija ta' referenza komuni u ta' sett xieraq ta' data tal-input. ***Jenħtieġ li dawn ikunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fil-metodoloġija ta' referenza.***
	Or. en

Emenda 105
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Sabiex tinħoloq proċedura komuni u li titqabbel faċilment, kif ukoll biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq l-entitajiet li jixtiequ jikkalkulaw l-emissjonijiet tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa għodda għall-kalkolu li tkun aċċessibbli għall-pubbliku bla ħlas u li tiggarantixxi aċċessibbiltà tad-data tal-output. Il-konsultazzjoni pubblika għandha tiġi żgurata matul il-fażi tal-iżvilupp, inkluż il-partijiet ikkonċernati kif ukoll l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fil-qasam tal-klima.
	Or. en

Emenda 106
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Filwaqt li jitqiesu l-prattiki eżistenti bħall-Kalkolatur Simplifikat tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Ambjentali tal-Istati Uniti[62a], sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-SMEs, biex tiġi limitata l-kumplessità tal-kalkolu u jitnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq l-SMEs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa għodda simplifikata għall-kalkolu tal-istabbiliment tad-data tal-output, imsejħa "CountGHG4SMEs".
	62a https://www.epa.gov/climateleadership/simplified-ghg-emissions-calculator
	Or. en

Emenda 107
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 26b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26b) "CountGHG4SMEs" jenħtieġ li tikkonsisti minn spreadsheets elettroniċi fuq Excel b'dokumenti ta' gwida pass pass li jakkumpanjawhom. Dokument ta' gwida jenħtieġ li jkun fih: ħarsa ġenerali tal-protokoll b'informazzjoni dwar is-settur, is-sorsi, u l-proċess(i) li jkopri; approċċ wieħed jew aktar biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-CO2 u ta' gassijiet serra oħra, gwida dwar il-ġbir ta' data tal-attività u l-għażla ta' fatturi tal-emissjonijiet xierqa; sorsi probabbli tal-emissjonijiet u l-ambiti li jaqgħu taħthom (speċifiċi għal settur partikolari).

Or. en

Emenda 108
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 26c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel "CountGHG4SMEs" disponibbli għall-SMEs bla ħlas, faċli biex tintuża, u aċċessibbli faċilment online fuq pjattaforma speċifikata tal-UE. Jenħtieġ li tiżgura li din l-għodda tqajjem kuxjenza u tinċentiva l-użu tad-data primarja għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Or. en

Emenda 109
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sistema ta' verifika mfassla kif xieraq għall-konformità tad-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra divulgata fis-suq u l-proċessi ta' kalkolu sottostanti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha żżid sostanzjalment il-fiduċja fl-affidabbiltà u l-akkuratezza ta' dik id-data. Jenħtieġ li l-entitajiet li jkunu għaddew b'suċċess mill-valutazzjoni tal-konformità jkunu intitolati li jiksbu prova tal-konformità, li għandha tiġi rrikonoxxuta b'mod komuni madwar l-Unjoni. Meta tiġi inkluża data primarja, jenħtieġ li l-prova tal-konformità tirrikonoxxiha, speċjalment biex tinċentiva l-ġbir u l-użu ta' data primarja minn kwalunkwe entità	(27) Sistema ta' verifika mfassla kif xieraq għall-konformità tad-data tal-output tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra divulgata fis-suq u l-proċessi ta' kalkolu sottostanti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha żżid sostanzjalment il-fiduċja fl-affidabbiltà u l-akkuratezza ta' dik id-data. Jenħtieġ li l-entitajiet li jkunu għaddew b'suċċess mill-valutazzjoni tal-konformità ***obbligatorja*** jkunu intitolati li jiksbu prova tal-konformità, li għandha tiġi rrikonoxxuta b'mod komuni madwar l-Unjoni. Meta tiġi inkluża data primarja, jenħtieġ li l-prova tal-konformità tirrikonoxxiha***. Is-sehem ta' data primarja ta' kull tip, diżaggregata skont l-element***

kkonċernata mir-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament.	***tal-katina tat-trasport, jekk applikabbli, għandu jkun indikat flimkien mad-data tal-output, bħala informazzjoni rilevanti għall-utent dwar l-affidabbiltà tal-kalkolu*** speċjalment biex tinċentiva l-ġbir u l-użu ta' data primarja minn kwalunkwe entità kkonċernata mir-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 110
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Il-piż amministrattiv marbut mal-verifika jista' jkun sproporzjonat għal kumpaniji iżgħar u għalhekk jenħtieġ li jiġi evitat. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-SMEs jiġu eżentati mir-rekwiżiti relatati mal-verifika, sakemm dawn l-intrapriżi ma jkunux jixtiequ jiksbu prova rispettiva tal-konformità. Barra minn hekk,*** jenħtieġ li l-intrapriżi l-kbar ***iqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità meta jikkunsidraw li jitolbu l-verifika*** tal-konformità mis-sħab tal-katina tal-valur, b'mod partikolari l-SMEs**.**	(28) ***Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi***, jenħtieġ li l-intrapriżi l-kbar ***jiżguraw il-verifika*** tal-konformità mis-sħab tal-katina tal-valur, ***filwaqt li jassistuhom, meta meħtieġ, u fir-rigward tat-titjib tal-kwalità tad-data,*** b'mod partikolari l-SMEs ***li jkunu sottokuntrattaw***.
	Or. en

Emenda 111
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Il-piż amministrattiv marbut mal-verifika jista' jkun sproporzjonat għal	(28) Il-piż amministrattiv marbut mal-verifika jista' jkun sproporzjonat għal

kumpaniji iżgħar u għalhekk jenħtieġ li jiġi evitat. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-SMEs jiġu eżentati mir-rekwiżiti relatati mal-verifika, sakemm dawn l-intrapriżi ma jkunux jixtiequ jiksbu prova rispettiva tal-konformità***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-intrapriżi l-kbar iqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità meta jikkunsidraw li jitolbu l-verifika tal-konformità mis-sħab tal-katina tal-valur, b'mod partikolari l-SMEs .***	kumpaniji iżgħar u għalhekk jenħtieġ li jiġi evitat. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-SMEs jiġu eżentati mir-rekwiżiti relatati mal-verifika, sakemm dawn l-intrapriżi ma jkunux jixtiequ jiksbu prova rispettiva tal-konformità ***jew qegħdin iwettqu servizzi tat-trasport bħala sottokuntratturi għal entitajiet akbar li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***.
	Or. en

Emenda 112
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura gwida xierqa għall-SMEs bl-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-kalkolu reali, fost l-oħrajn, permezz ta' linji gwida mmirati. Entità akbar li tissottokuntratta SME jenħtieġ li terfa' wkoll r-responsabbiltà tagħhom f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, sabiex jiġi mminimizzat u jiġi introdott b'mod gradwali kwalunkwe piż addizzjonali amministrattiv, għalkemm jenħtieġ li xorta jkunu soġġetti għal verifika sabiex jiżguraw affidabbiltà tad-data tal-output u kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd, SME tista' tkun temporanjament eżentata minn ċerti aspetti, bħall-użu ta' data primarja. F'dan is-sens, tista' tiġi prevista sistema ppreparata fl-applikabbiltà ta' dan ir-regolament, li tkun inizjalment ibbażata fuq inklużjoni fakultattiva għall-entitajiet kkonċernati, biex sussegwentement issir obbligatorja għall-aġenti kollha tat-trasport.
	Or. en

Emenda 113
Barbara Thaler, Marian-Jean Marinescu, Markus Ferber, Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Kontabbiltà ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra abbażi ta' data primarja tista' tiżvela l-ammont ta' fjuwil jew enerġija kkonsmat li huwa relatat mal-assenzjazzjonijiet ta' klijenti speċifiċi, u għalhekk l-emissjonijiet jistgħu jiġu kkonvertiti b'mod riversibbli fil-kost tal-operazzjoni. Speċjalment fis-settur tat-trasport tal-merkanzija, dan jaffettwa b'mod negattiv is-setgħa ta' negozjar tal-SMEs. Għalhekk, jenħtieġ li l-intrapriżi kbar ma jkunux jistgħu jitolbu emissjonijiet ta' gassijiet serra abbażi ta' data primarja mis-sħab tal-katina tal-valur, b'mod partikolari mill-SMEs.

Or. en

Emenda 114
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) F'każ li l-verifika tal-informazzjoni dwar id-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tiġi organizzata f'konformità mar-regoli speċifiċi stabbiliti minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, inkluż regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti tal-kompetizzjoni għat-trasport sostenibbli bl-ajru u implimentat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni	(29) F'każ li l-verifika tal-informazzjoni dwar id-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tiġi organizzata f'konformità mar-regoli speċifiċi stabbiliti minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, inkluż regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti tal-kompetizzjoni għat-trasport sostenibbli bl-ajru u implimentat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni

Ewropea, dawn ir-regoli għandhom jiġu ttrattati b'mod ekwivalenti, bil-kundizzjoni li l-valutazzjoni tal-verifika tiġi stabbilita b'mod konsistenti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.	Ewropea, ***jew il-kontabbiltà ta' emissjonijiet mhux tas-CO2 mill-avjazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/2405 ("ETS tal-Avjazzjoni") u r-Regolament (UE) 2015/757 ("ir-Regolament MRV")*** dawn ir-regoli għandhom jiġu ttrattati b'mod ekwivalenti, bil-kundizzjoni li l-valutazzjoni tal-verifika tiġi stabbilita b'mod konsistenti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 115
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) F'każ li ***l-verifika*** tal-informazzjoni dwar id-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tiġi organizzata f'konformità mar-regoli speċifiċi stabbiliti minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, inkluż ***regolament*** dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti tal-kompetizzjoni għat-trasport sostenibbli bl-ajru u ***implimentat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea***, dawn ir-regoli għandhom jiġu ttrattati b'mod ekwivalenti***, bil-kundizzjoni li l-valutazzjoni tal-verifika tiġi stabbilita b'mod konsistenti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***.	(29) F'każ li ***l-ġbir, il-verifika u d-distribuzzjoni*** tal-informazzjoni dwar id-data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tiġi organizzata f'konformità mar-regoli speċifiċi stabbiliti minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, inkluż ***ir-Regolament (UE) 2023/2405*** dwarl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti tal-kompetizzjoni għat-trasport sostenibbli bl-ajru u ***li jistabbilixxi skema ta' tikkettar ambjentali***, dawn ir-regoli għandhom jiġu ttrattati b'mod ekwivalenti.

Or. en

Emenda 116
Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Biex jiġu żgurati użu u implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu għat-tisħiħ tiegħu, inkluż bl-istabbiliment ta' sistema ta' penali. Il-penali finanzjarji jenħtieġ li jkunu proporzjonati u dissważivi, iqisu kwalunkwe okkorrenza mill-ġdid fl-omissjoni tal-kalkolu u dmirijiet ta' informazzjoni jew il-forniment ta' informazzjoni mhux veritiera minn entitajiet kkonċernati, fost l-oħrajn. L-ammonti minimi jew massimi stabbiliti jenħtieġ li bl-ebda mod ma jiġġeneraw xi inċentiv għan-nonkonformità.

Or. en

Emenda 117
Marian-Jean Marinescu, Gheorghe Falcă, Karolin Braunsberger-Reinhold, Barbara Thaler, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex ikun possibbli l-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-valutazzjoni*** u ***tal-esklużjoni*** ta' ċerti elementi tal-metodoloġija ta' referenza; is-sottomissjoni ta' talbiet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, l-istabbiliment ta' regoli għat-twettiq tal-kontroll tekniku tal-kwalità ta' bażijiet tad-data esterni ta' valuri prestabbiliti, l-adattament tal-metriki għad-data tal-output dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-istabbiliment ta' metodi u ta' kriterji ulterjuri ta' akkreditazzjoni tal-korpi ta'	(30) Sabiex ikun possibbli l-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-iżvilupp tal-metodoloġija għall-kalkolu ta' emissjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ relatati mal-kostruzzjoni tal-infrastruttura użata mill-vettura u l-emissjonijiet relatati mal-produzzjoni, mal-manutenzjoni u ma' tmiem il-ħajja tal-vettura; il-valutazzjoni*** u l-esklużjoni ta' ċerti elementi tal-metodoloġija ta' referenza; is-sottomissjoni ta' talbiet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, l-istabbiliment ta' regoli għat-twettiq tal-kontroll tekniku tal-

valutazzjoni tal-konformità. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[62]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[62] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

kwalità ta' bażijiet tad-data esterni ta' valuri prestabbiliti, l-adattament tal-metriki għad-data tal-output dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-istabbiliment ta' metodi u ta' kriterji ulterjuri ta' akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[62]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[62] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

Or. en

Emenda 118
Silvia Modig, Elena Kountoura

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa neċessarju u xieraq għall-kisba tal-objettiv bażiku li ***tiġi inċentivata*** bidla fl-imġiba fost in-negozji u l-klijenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport	(33) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa neċessarju u xieraq għall-kisba tal-objettiv bażiku li ***jiġu inċentivati akkwisti pubbliċi b'impronta tal-karbonju aktar baxxa u*** bidla fl-imġiba fost in-negozji u l-klijenti biex jitnaqqsu l-

permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet segwiti f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport***, speċjalment meta x-xiri jsir kollu kemm hu jew parzjalment bil-fondi pubbliċi,*** permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet segwiti f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
	Or. en

Emenda 119
Nicola Danti

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Fl-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina jekk huwiex meħtieġ u fattibbli li jiġu inklużi proċessi relatati mal-kostruzzjoni, mal-manutenzjoni, u mal-iskrappjar ta' vetturi, kif ukoll tagħmir tat-trażbord u tal-imbarkazzjoni (jew tad-diżimbarkazzjoni), fil-metodoloġija għall-kalkolu ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Din l-inklużjoni għandha l-għan li tistabbilixxi approċċ komprensiv ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jallinja mal-approċċ sħiħ tal-impronta tal-karbonju spjegat fil-White Paper tal-2011 dwar it-trasport u l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti ta' Diċembru 2020. Dan l-approċċ komprensiv jirrikjedi kontabbiltà għall-emissjonijiet matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu kemm hu, inkluż il-katina upstream u l-emissjonijiet ta' tmiem il-ħajja.
	Or. en